REGOLAMENTI TA' L-1996 DWAR BASTIMENTI TA' TAGĦBIJIET PERIKOLUŻI, TERMINALS U FAĊILITAJIET MARITTIMI U *BUNKERING*

Arranġament tar-Regolamenti

Preliminari

1. Titolu u bidu fis-sehh
2. Għan
3. Tifsir

TAQSIMA I

Ġenerali

4. Applikazzjoni tar-regolamenti
5. Obbligu prinċipali
6. Ġenerali
7. Rapportar
8. Spezzjonijiet u kontroll
9. Tħaris ta' l-Istrumenti Rilevanti
10. L-intenzjoni tar-regolamenti għar-rigward ta' l-Istrumenti Rilevanti

TAQSIMA II

Bastimenti

11. Kondizzjonijiet għall-bastimenti li jkunu dehlin fl-ibħra ta' Malta
12. Avviż minn qabel tal-wasla u *status* tal-bastiment
13. Konferma ta' l-avviż tal-wasla ta' tanker
14. Bastimenti li jkunu jġorru tagħbijiet perikoluż ippakkjati, konferma ta' l-i*status* u ċertifikat ta' osservanza
15. Avviż tal-ħsieb ta' xogħol fuq tagħbijiet
16. Restrizzjonijiet fuq il-maniġġ ta' tagħbijiet perikoluż ippakkjati
17. Prerogattiva tad-Direttur dwar l-irmiġġ għal bastimenti li jkunu jġorru sustanzi in massa
18. Aċċess ristrett għal bastimenti li jkunu jġorru tagħbijiet perikoluż
19. Pilotaġġ
20. Sinjali

21. Pieni
22. Tluq ta' bastimenti
23. Dħul u soġġorn projbit
24. Htiġiet ġenerali dwar xogħol
25. Restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' tanker li ma jkunx iċċertifikat ħieles mill-gass u/jew inert
26. Restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' tanker li jkun iċċertifikat parzjalmnt ħieles mill-gass u/jew inert
27. Kondizzjonijiet ta' dħul fil-Port il-Kbir għal tanker iċċertifikat għal kollox ħieles mill-gass u/jew inert
28. Kondizzjonijiet biex joqgħod fil-Port il-Kbir tanker iċċertifikat ħieles mill-gass u/jew inert u *checklists*
29. Restrizzjonijiet dwar xogħol li jista' jsir fuq tanker fil-kondizzjoni inerta
30. Xogħol ta' ħasil taż-żejt mhux raffinat u ta' tnaddif tat-tankijiet
31. Kondizzjonijiet li taħthom għandu jieqaf il-ħasil ta' żejt mhux raffinat
32. Restrizzjonijiet fuq transitu fil-Port il-Kbir
33. Xogħol ta' maniġġ ta' sustanzi u ta' saborrar u *checklists*
34. Area ta' periklu
35. Htiġiet dwar l-adattabilità u t-thaddim tat-tagħmir għat-trasferiment ta' tagħbijiet u *bunkers*
36. *Pipelines*/sistemi tat-tagħbijiet mhux użati
37. *Scupper plugs*
38. *Drip pans* u materjal assorbenti
39. Tnaddif ta' tankijiet
40. Projbizzjoni ta' dwal mikxufa
41. Trasport ta' tagħbijiet perikoluži bejn il-gżejjer ta' Malta
42. Responsabbiltajiet tal-Kaptan għas-sigurezza

TAQSIMA III

Braken tal-Provvista ta' *Bunkers* u Bastimenti li Jirċievu *Bunkers*

43. Barkun tal-*bunkers*
44. Prodotti li jistgħu jinġarru
45. Arei ta' ankraġġ speċifikati għall-provvista ta' *bunkers*
46. Delimitazzjoni tal-konfini
47. Pieni
48. *Road tankers* li jissupplixxu bunkers ġewwa *arei* tal-portijiet

49. *Bunkering* fuq kosta kennija
50. Restrizzjonijiet fuq braken tal-*bunkers* li jankraw fl-ibħra ta' Malta
51. Restrizzjonijiet fuq xogħol fil-ħinijiet ta' dlam
52. Pieni
53. Avviż bil-quddiem tal-wasla ta' bastiment biex jirċievi *bunkers*
54. Arei ta' *bunkering* fil-portijiet
55. Htiġiet ġenerali
56. Pieni
57. *Checklists*
58. Il-braken tal-*bunkers* għandhom ikunu lesti biex jitilqu mill-irmiġġ
59. Irmiġġar
60. *Scupper plugs* tal-bastiment li jirċievi l-*bunkers*
61. Pieni
62. Provvista ta' *multi-grade bunkers*
63. Mobilizzazzjoni ta' emerġenza
64. Prerekwiżiti għas-sidien ta' braken tal-*bunkers*
65. Htiġiet ġenerali dwar ir-riżorsi, l-amministrazzjoni u l-proċeduri tax-xogħol
66. Htiġiet applikabbli oħra
67. Permessi għax-xogħol
68. Pieni
69. Responsabbiltà u obbligu tal-Kaptan

TAQSIMA IV

Terminals u Faċilitajiet Marittimi

70. Provdiment ta' informazzjoni mit-terminals u faċilitajiet marittimi
71. Htiġiet dwar l-informazzjoni
72. Pieni
73. Prerekwiżiti ta' assigurazzjoni għall-operaturi ta' terminals marittimi jew faċilitajiet marittimi
74. Htiġiet ġenerali għall-kontroll u t-tneħħija ta' tinġis
75. Htiġiet ġenerali ta' emerġenza u ta' tifi ta' nirien
76. Htiġiet u riżorsi ġenerali għax-xogħol
77. Htiġiet dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' tinġis
78. Htiġiet ta' emerġenza dwar is-sigurezza u ħruq
79. Pieni
80. *Records* tat-tagħmir u tal-persunal
81. Ċertifikati, pjanijiet u *records*

TAQSIMA V

Liċenzi

82. Liċenzi tal-*bunkering*
83. Eliġibiltà għal liċenza
84. Applikazzjoni għal liċenza
85. Kondizzjonijiet
86. Abrogazzjoni ta' liċenza
87. Konsenja tal-liċenza
88. Osservanza ta' l-istruzzjonijiet tad-Direttur
89. Esibizzjoni tal-liċenza
90. Drittijiet

TAQSIMA VI

Mixxellanji

91. Tankers u braken tal-*bunkers* fil-Port il-Kbir
92. L-awtorità tad-Direttur mhix abrogata
93. Prerogattiva tad-Direttur li jagħmel użu ta' emerġenza mit-tagħmir u riżorsi li huma meħtieġa li jiġu provduti taħt dawn ir-regolamenti
94. Prerogattiva tad-Direttur għar-regolamenti
95. Kontroll fuq kollox tad-Direttur f'xogħol ta' inċident
96. Obbligu u responsabbiltà ta' l-Awtorità
97. Eżenzjoni ta' bastimenti navali
98. Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati
99. Ir-regolamenti ma humiex b'deroga ta' xi dispożizzjonijiet oħra
100. Thassir ta' A.L. 53 ta' l-1965 u ta' A.L. 54 ta' l-1965

TAQSIMA VII

Skedi

SKEDA A — Avviż tal-Wasla u *Status* tal-Bastiment
SKEDA B — *Checklists* għax-xogħol, eżempju ta' ittra u avviż ta' ħruq
SKEDA Ċ — Eżempji tal-forom ta' Permessi għax-Xogħol approvati
SKEDA D — Konvenzjonijiet ta' l-IMO li Malta aċċediet għalihom
SKEDA E — Drittijiet u Hlasijiet

A.L. 1 ta' l-1996

ORDINANZA DWAR L-IMPORTAZZJONI, MAGAZZINAĠĠ U BEJGĦ TA' PITROLJU (KAP. 25)

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

ATT TA' L-1995 DWAR IT-TAXXA FUQ *BUNKERING* TA' ŻJUT (ATT NRU. VIII TA' L-1995)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinaġġ u Bejgħ ta' Pitrolju, bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta u bl-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1995 dwar it-Taxxa fuq *Bunkering* ta' Żjut, il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: —

Preliminari

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 1996, ħlief għad-dispożizzjonijiet li ġejjin li għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(a) fl-1 ta' Marzu, 1996:
il-paragrafu (24) tar-regolament 78;

(b) fl-1 ta' April, 1996:
il-paragrafu (a) tar-regolament 76,
il-paragrafi (1), (23), (25), (26), (30), (33) u (36) tar-regolament 78;

(ċ) fl-1 ta' Ġunju, 1996:
is-subparagrafi (a), (ċ) u (n) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65,

il-paragrafu (i) tar-regolament 76,
il-paragrafi (2), (5), (8), (20), (22) u (28) tar-regolament 78;

(d) fl-1 ta' Lulju, 1996:
il-paragrafu 16 tar-regolament 78;

(e) fl-1 ta' Awissu, 1996:
is-subparagrafi (p), (r) u (t) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65,
il-paragrafu (b) tar-regolament 77;

(f) fl-1 ta' Novembru, 1996:
is-subparagrafi (j) u (k) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65.

Ghan.

2. Dawn ir-regolamenti jirregolaw il-moviment, it-trasferiment, il-magazzinaġġ u l-maniġġ ta' tagħbijiet perikoluż, *bunkers,* xogħlijiet ta' saborra u tnaddif tat-tankijiet fuq il-bastimenti kollha u fit-terminals u l-faċilitajiet marittimi kollha fi jew konnessi ma' l-ibħra interni u territorjali ta' Malta.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"area dikjarata ħielsa mill-periklu" tfisser kull area fuq bastiment jew fuq l-art li dwarha jkun hemm il-qbil reċiproku tal-Kaptan tal-bastiment u ta' l-operatur tat-terminal marittimu/ faċilità marittima bħala li tkun area ħielsa mill-periklu taħt kondizzjonijiet preskritti u f'ħinijiet speċifikati, għal attivitajiet partikolari bħalma huwa t-tipjip;

"area ta' periklu" tfisser kull area fuq bastiment li, minħabba fl-istallazzjoni u/jew użu ta' tagħmir elettriku, tkun meqjusa bħala perikoluża, jew li fiha jista' jkunu potenzjalment preżenti *toxins* ta' periklu għall-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta stabbilita taħt l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"awtorità rikonoxxuta" tfisser kull awtorità, organizzazzjoni, *Classification Society*, korp tekniku jew akkademiku, jew faċilitajiet ta' testjar fiżiku, rikonoxxuti mill-Awtorità u/jew l-*IMO* minn żmien għal żmien, għal funzjonijiet speċifikati;

"barkun tal-*bunkers*" tfisser kull inġenji tal-baħar liċenzati jew awtorizzati mill-Awtorità biex jaħdmu fuq il-provvista kummerċjali ta' *bunkers* għal bastimenti oħra ġewwa l-portijiet, ibħra interni u territorjali ta' Malta;

"bastiment" tfiser kull deskrizzjoni ta' inġenji użati fin-navigazzjoni, sew jekk imexxu lilhom infushom sew jekk le, barra minn barkun tal-*bunkers* liċenzat jew awtorizzat biex jissupplixxi *bunkers*, li jkunu jimmaniġġaw jew ikunu għabbew jew bi ħsiebhom jgħabbu tagħbija li kollha kemm tkun jew parti minnha tkun tikkonsisti f'tagħbijiet jew sustanzi perikolużi kif deskritti fit-tifsir ta' tagħbijiet perikolużi, tagħbijiet perikolużi ppakkjati, u sustanzi, in massa jew f'kontenituri, jew li jkunu ħattew xi prodott minn dawk, jekk l-ispazji tat-tagħbija ma jkunux iċċertifikati ħielsa mill-gass;

"biċċa tal-baħar" għandha l-istess tifsir bħal dak mogħti lil "vapur" fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"*bunkers*" tfisser kull *marine grade fuel oil* mhux volatili użat bħala *fuel* għal bastiment jew il-makkinarju tiegħu u tinkludi żejt lubrikanti;

"ċertifikat ta' ħelsien mill-gass" tfisser ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti, li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, biex jikkonferma illi fil-ħin ta' l-ittestjar ta' kompartiment, tank jew kontenitur, dan kien ħieles mill-gass għall-iskop speċifiku dikjarat fuq iċ-ċertifikat. Dawn iċ-ċertifikati għandhom jinħarġu suġġett għall-kondizzjonijiet li jkunu jipprevalu fiż-żmien ta' l-ittestjar u għal perijodu speċifikat ta' validità;

"*cold work permit*" tfisser ċertifikat li jippermetti li jsir xogħol bil-kiesaħ speċifikat matul intervall speċifiku ta' żmien, konġunt bit-tqegħid għall-lest tar-riżorsi u l-proċeduri kollha ta' sigurezza meħtieġa matul il-perijodu permess kollu. Il-permess għandu jkun f'għamla approvata mid-Direttur (kif provdut fl-Iskeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regolamenti) u għandu jkun maħruġ minn persuna kompetenti li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti;

"*combination carrier*" tfisser bastiment kostruwit jew adattat biex iġorr jew pitrolju likwidu jew *dry cargoes* in massa;

"Direttur" tfisser id-Direttur Eżekuttiv responsabbli għall-portijiet maħtur taħt l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, jew kull persuna jew uffiċjal ieħor li jkunu awtorizzati minnu biex jaġixxu f'ismu;

"dwal mikxufa" tfisser kull sors mhux konfinat li jista' jagħti n-nar u tinkludi:

(i) kull materjal inkandexxenti espost bħal nar, dawl mikxuf, *welding* u *burning torches*, u sigaretti, sigarri, pipi, *lighters* tas-sigaretti jew ħwejjeġ simili tat-tipjip mixgħula;

(ii) kull sors li jista' jifforma xrar;

(iii) kull wiċċ b'temperatura li tkun daqs jew ogħla mit-temperatura minima ta' xegħil tas-sustanzi li x'aktarx ikunu preżenti fl-area ta' xi biċċa xogħol;

(iv) kwalunkwe u kull għodod, tagħmir, sistemi elettriċi i ta' xegħil (inklużi *portable radios,* torċijiet, *calculators,* eċ ċ.) li ma jkunux iċċertifikati bħala li jkunu intrinsikament bla periklu minn awtorità rikonoxxuta;

(v) makni b'kombustjoni interna mhux hekk approvati bħala intrinsikament bla periklu, jew li ma jkunux qegħdin ġewwa *explosion-proof housing* approvat;

"*electrical isolation certificate*" tfisser ċertifikat li jinħareġ meta jkun se jsir xogħol fuq tagħmir elettriku jew fuq tagħmir li jaħdem bl-elettriku, li jindika li l-provvista ta' l-elettriku ta' dak it-tagħmir tkun ġiet iżolata; iċ-ċertifikat għandu jkun f'għamla approvata mid-Direttur (kif provdut fl-Iskeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regolamenti) u għandu jkun maħruġ minn pesuna kompetenti li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti;

"faċilità marittima" tfisser area fuq l-art li ma tkunx *terminal* marittimu, fejn il-bastimenti jsorġu, jirmiġġaw jew jiddokkjaw sabiex jiksbu servizzi bħal tnaddif tat-tankijiet, tneħħija ta' *slops*/residwi, tiswijiet, *bunkers,* servizzi ta' kostruzzjoni tal-bastimenti u kull servizzi ohra li jkollhom x'jaqsmu mal-bastimenti u attivitajiet marittimi;

"fwar" tfisser gass taht it-temperatura kritika tiegħu u mhux f'għamla likwida;

"gass inert" tfisser gass jew taħlita ta' gassijiet bħalma huma *flue gas*, nitroġenu, *carbon dioxide* jew gass inert ieħor li ma jkunx fih ossiġenu biżżejjed biex jgħin il-kombustjoni;

"gass likwidu" tfisser gassijiet li jkollhom pressjoni ta' fwar ta' iżjed minn 2.8 *bar Absolute,* f'temperatura ta' 37.8°C, kif dettaljati fl-"*International Code for the Construction and*

Equipment of Ships Carrying Liquefied Gases in Bulk" ta' l-IMO u prodotti oħra kif murija f'*Chapter 19* ta' dak il-Kodiċi, meta jingarru in massa;

"*hot work permit*" tfisser ċertifikat li jippermetti li jsir xogħol bis-sħana speċifikat matul intervall speċifiku ta' żmien f'area definita, konġunt bit-tqegħid f'posthom tar-riżorsi u l-proċeduri kollha ta' sigurezza meħtieġa matul il-perijodu permess kollu. Dan għandu jkun f'għamla approvata mid-Direttur (kif provdut fl-Iskeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regolamenti) u għandu jkun maħruġ minn persuna kompetenti li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti;

"ibħra interni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"ibħra ta' Malta" tfisser l-ibħra interni u territorjali ta' Malta;

"ibħra territorjali" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"iċċertifikat ħieles mill-gass" tfisser ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, li jiċċertifika li l-atmosfera fi, jew konnessa ma', jew minnufih adjaċenti ma' xi tank, kompartiment, kontenitur jew sistemi mhux magħluqa ta' *pipe-lines*/ippumpjar, eċċ., tkun ġiet imdaħħla fiha arja friska biżżejjed biex tbaxxi l-livell ta' xi gass fjammabbli, tossiku jew inert għal dak meħtieġ għal skop speċifiku, e.g. xogħol bis-sħana, xogħol bil-kiesaħ, xogħol elettriku, dħul, eċċ.;

"iċċertifikat inert" tfisser ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, li tiċċertifika li tank jew tankijiet ta' bastiment ikunu f'kondizzjoni inerta, suġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati u għal perijodu speċifiku ta' żmien;

"interessi fit-tagħbija" tfisser *shipper*, *carrier, forwarder,* konsolidatur, ċentru ta' l-ippakkjar jew xi persuna, kumpannija jew istituzzjoni oħra impenjata f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet li ġejjin:

identifikazzjoni, konteniment, ippakkjar, irbit, immarkar, tikkettjar, *placarding,* jew dokumentazzjoni ta' tagħbijiet perikoluż jew tagħbijiet perikoluż ppakkjati biex

jiġu riċevuti f'port u jiġu trasportati bil-baħar u li jkollha kontroll fuq it-tagħbija f'xi żmien;

"intrinsikament bla periklu" tfisser kull tagħmir jew sistema li jkunu ċċertifikati minn awtorità rikonoxxuta, taħt kondizzjonijiet preskritti, bħala li ma jkunux jistgħu, f'użu normali jew aċċidentali, jipproduċu xrar jew effett termiku li jistgħu jagħtu n-nar lil taħlita preskritta ta' gass u meta dak it-tagħmir ikun inżamm strettament fl-istess kondizzjoni bħal meta kien hekk iċċertifikat;

"Istrumenti Rilevanti" tfisser:

(a) dawn ir-regolamenti;

(b) il-Konvenzjonijiet kollha ta' l-*IMO* li Malta aċċediet għalihom (kif dettaljati fl-Iskeda D li tinsab ma' dawn ir-regolamenti), jew li tista' taċċedi għalihom minn żmien għal żmien;

(ċ) il-*Codes of Practices* rilevanti ta' l-*IMO*;

(d) il-Gwidi rilevanti ta' l-*ISGOTT, OCIMF, ICS, SIGTTO, INTERTANKO* u *IAPH* li jemanaw minn dawn il-Konvenzjonijiet u Kodiċijiet; u

(e) ir-regoli kurrenti tal-*Classification Societies* tal-bastimenti;

"*jetty pipeline*" tfisser kull *pipe* riġidu jew flessibbli użat minn *terminal* marittimu/faċilità marittima, fiżikament lokat hekk illi jekk f'xi ħin dak il-*pipeline* tiġrilu ħsara s-sustanzi jkunu jistgħu joħorġu għal ġol-port jew ibħra territorjali;

"Kaptan" tfisser il-Kaptan jew persuna li ma tkunx bdot jew *watchman,* li jkollha l-kmand, l-inkarigu jew *management* ta' bastiment għal dak iż-żmien;

"kejl tat-tagħbija" tfisser kull att ta' *ullaging, sounding, gauging, sampling* jew xi att simili, kemm jekk isir jew ma jsirx in konnessjoni ma' xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet;

"kondizzjoni inerta" tfisser kondizzjoni, kif iċċertifikata minn persuna kompetenti, li fiha l-kontenut ta' ossiġenu ma' l-atmosfera kollha ta' tank jew spazju magħluq ieħor ikun ġie ridott għal 8% jew inqas f'dak li hu volum, biż-żieda ta' gass inert u l-pressjoni tat-tank miżmuma 'l fuq minn minimu ta' 100mm fuq il-*water guage*;

"kontenitur" tinkludi kull *freight container,* landa, barmil, bettija, *drum,* pakkett jew oġġett ieħor użat biex fih jinżammu sustanzi perikoluži ppakkjati;

"*LFL*" (*lower flammable limit*) tfisser il-konċentrazzjoni ta' gass jew fwar fjammabbli f'arja li taħtha ma jkunx hemm ammont biżżejjed ta' sustanza biex jgħin u jippropaga l-kombustjoni;

"*liquefied natural gas*" (*LNG*) tfisser il-prodott tal-likwefazzjoni ta' taħlita naturali ta' idrokarburi;

"*liquefied petroleum gas*" (*LPG*) tfisser *propane, butane* u taħlitiet ta' *propane/butane* fl-istat likwidu;

"operatur" tfisser il-*managing operator* li jkollu l-kontroll lokali tat-ħidma ta' terminal marittimu jew faċilità marittima;

"operatur tal-*bunkering*" tfisser persuna jew korp ġuridiku inkorporat taħt il-liġijiet ta' Malta li jkunu liċenzati kif imiss mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti biex iqassmu, ibiegħu, jesportaw jew b'xi mod ieħor jiddisponu minn *bunkers,* jew għal xi attività relatata oħra, kemm jekk dik il-persuna jew korp ġuridiku jkunu jew ma jkunux il-parti li tkun fiżikament tittrasporta jew twassal dawk il-*bunkers* lill-bastiment;

"permess tad-dħul" tfisser ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti, li tuża l-ħtiġiet u d-direzzjonijiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, li jippermetti dħul fi spazju jew kompartiment matul intervall speċifikat ta' żmien, konġunt bit-tqegħid sewwa f'posthom tar-riżorsi u l-proċeduri kollha ta' sigurezza meħtieġa mill-Istrumenti Rilevanti matul il-perijodu permess kollu;

"persuna" tinkludi persuna jew korp ta' persuni, kemm jekk korp ġuridiku jew le;

"persuna kompetenti" tfisser analista bil-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa rikonoxxut mid-Direttur għall-iskop tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' "ħelsien mill-gass" u ta' "kondizzjoni inerta" u permessi għal "xogħol" jew "dħul f'kompartiment" għall-bastimenti;

"pitrolju" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinaġġ u Bejgħ ta' Pitrolju;

"pitrolju mhux volatili" tfisser likwidu tal-pitrolju li jkollu *Flashpoint* ta' 60° Celsius jew fuqhom kif stabbilit bil-*closed cup method of testing* bhall-*ASTM D93* jew l-ekwivalenti;

"pitrolju volatili" tfisser likwidu tal-pitrolju li jkollu *Flashpoint* ta' taħt is-60° Celsius kif stabbilit bil-*closed cup method of testing* bħall-*ASTM D93* jew l-ekwivalenti jew likwidu ta' pitrolju "mhux volatili" li jkun qed jiġi mmaniġġat f'temperatura ta' 'l fuq mill-*Flashpoint* tiegħu, nieqes 10° Celsius;

"port" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"residwi" tfisser kwantitajiet li jibqgħu minn tagħbija li "ma jkunux jistgħu jiġu ppumpjati" u li jibqgħu abbord tanker wara t-tlestija tal-ħatt jew trasferiment ta' xi tagħbija kif deskritta fit-tifsira ta' tagħbijiet perikoluż;

"sid" tfisser sid, sid disponenti, *charterer* li lilu l-bastiment ikun ġie *demised*, *managing operator* jew Kaptan ta' bastiment jew sid tat-tagħbija tiegħu u kull aġent li jkun jaġixxi f'isem dawk l-entijiet;

"slops" tfisser kull kwantità li tibqa' abbord tanker wara t-tnaddif tat-tankijiet, li tkun tikkonsisti f'taħlita ta' fluwidi tat-tnaddif tat-tankijiet u xi sustanza kif deskritta fid-definizzjonijiet ta' pitrolju, pitrolju mhux volatili, pitrolju volatili, żejt, gass likwidu, *LNG, LPG,* sustanzi kimiċi, tagħbijiet perikoluż solidi in massa, tagħbijiet perikoluż u residwi;

"sustanzi" fl-assenza ta' deskrizzjoni speċifika, tfisser kwalunkwe u kull, jew kull kombinazzjoni ta' sustanzi kif definiti fit-tifsir ta' tagħbijiet perikoluż, tagħbijiet perikoluż solidi in massa, tagħbijiet perikoluż ppakkjati, residwi, *slops* u *bunkers,* kemm jekk jinġarru bħala tagħbija jew le, u kemm jekk jinġarru in massa jew le;

"sustanzi kimiċi" tfisser sustanzi koperti bl-"*International Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Dangerous Chemicals in Bulk*" ta' l-*IMO* u *Annex II* ta' *MARPOL 73/78* u li jkollhom riskji sinifikanti ta' ħruq jew splużjoni ugwali jew iżjed minn dawk ta' pitrolju volatili jew prodotti fjammabbli simili, jew riskji sinifikanti għas-saħħa, għas-sigurezza jew għall-ambjent b'żieda għal, jew barra minn, fjammabbiltà;

"tanker" tfisser kull bastiment kif deskritt fid-definizzjonijiet ta' tanker taż-żejt, *combination carrier,* tanker tal-gass u tanker ta' sustanzi kimiċi, kemm jekk imexxi lilu nnifsu jew le, u tinkludi braken jew *lighters* li jkunu għal kollox użati biex iġorru tagħbijiet perikoluż likwidi in massa;

"tanker tal-gass" tfisser bastiment kostruwit jew adattat biex iġorr gassijiet likwidi in massa kif dettaljat fl-"*International Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Liquefied Gases in Bulk*" ta' l-*IMO*;

"tanker ta' sustanzi kimiċi" tfisser bastiment kostruwit jew adattat primarjament biex iġorr tagħbijet likwidi in massa ta' sustanzi kimiċi kif dettaljat fl-"*International Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Dangerous Chemicals in Bulk*" ta' l-IMO;

"tanker taż-żejt" tfisser bastiment kostruwit jew adattat biex iġorr tagħbija ta' pitrolju likwidu in massa, inkluż *combination carrier* meta jintuża għal dan il-għan;

"tagħbijiet perikolużi" fl-assenza ta' deskrizzjoni speċifika, tfisser kwalunkwe u kull sustanza volatili, jew kull kombinazzjoni ta' sustanzi volatili, kif deskritti fit-tifsir ta' pitrolju, pitrolju volatili, tagħbijiet perikolużi solidi in massa, żejt, gass likwidu, *LNG, LPG* jew sustanzi kimiċi, li jinġarru in massa u kull pitrolju mhux volatili, tagħbijiet perikolużi solidi in massa, żejt, gass likwidu jew sustanzi kimiċi, li jinġarru in massa, li jistgħu jikkostitwixxu riskju għall-ħajja tal-bniedem jew għall-ambjent marittimu f'każ ta' kuntatt jew tixrid;

"tagħbijiet perikolużi ppakkjati" tfisser kull tagħbija perikoluża u kull tagħbija koperta bl-*IMDG Code,* li tinġarr f'konteniturі fuq bastimenti barra minn tankers. Hija tinkludi kull mezz ta' ippakkjar vojt mhux imnaddaf (bħal ma huma *tank-containers, intermediate bulk containers,* mezzi għall-ippakkjar in massa, *portable tanks* jew *tank vehicles*) li qabel ikun kellu fih tagħbijiet perikolużi, ħlief jekk il-mezz ta' l-ippakkjar ikun ġie mnaddaf biżżejjed mir-residwi kollha tat-tagħbijiet perikolużi u meħlus mill-fwar biex b'hekk jitneħħa kull riskju, jew ikun ġie mimli b'sustanza mhux perikoluża;

"tagħbijiet perikolużi solidi in massa" tfisser sustanzi solidi in massa li jkunu jippossiedu riskji kimiċi u sustanzi solidi in massa li jkunu ta' riskju biss in massa, inkluż skart, koperti b'*Appendix B* tal-*Code of Safe Practice for Solid Bulk Cargoes*;

"terminal marittimu" tfisser post fejn il-bastimenti jsorġu jew jirmiġġaw sabiex jgħabbu, iħottu, jimmaniġġaw jew jittrasferixxu tagħbijiet perikolużi, *bunkers*, jew sustanzi perikolużi u/jew dawk l-arei fuq l-art ta' magazzinaġġ jew maniġġ ta' ħidma integrata li jkunu sitwati fi jew qrib portijiet u ibħra territorjali u/jew konnessi

direttament ma' dawk il-bastimenti, ankraġġi jew irmiġġi b'*pipelines* użati għat-trasferiment dirett ta' tagħbijiet perikoluż bħal dawk għal dawk l-arei;

"*threshold limit value*" (TLV) tfisser il-konċentrazzjoni medja ta' sustanza li tirrappreżenta kondizzjonijiet li taħthom ikun mifhum li kważi l-ħaddiema kollha jistgħu jkunu repetutament esposti jum wara l-ieħor, mingħajr effetti ta' ħsara għas-saħħa;

"tixrid ta' żejt" tfisser kull inċident li jirriżulta fi *slick* immedjata tal-"Kategorija B" jew fuqha, kif speċifikat fl-*IMO Resolution A. 542(13),* paragrafu 1.2.6;

"*ullage*" tfisser il-fond ta' l-ispazju ta' 'l fuq mil-likwidu f'tank;

"xogħol bil-kiesaħ" tfisser kull xogħol li ma jkunx jista' joħloq sors ta' għoti tan-nar fl-area involuta jew fl-area adjaċenti;

"xogħol bis-sħana" tfisser xogħol li jinvolvi sorsi ta' xegħil jew temperatura għolja biżżejjed li tkun tista' tikkaġuna l-għoti tan-nar lil taħlita ta' gass fjammabbli, inkluż "dwal mikxufa";

"xogħol ta' *bunkering*" tfisser ix-xogħol attwali ta' tagħbija, ħatt u trasferiment ta' *bunkers* bejn barkun tal-*bunkers* jew *road tanker* jew terminal marittimu jew faċilità marittima u bastiment riċeventi;

"xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet" tfisser ix-xogħol attwali ta' tagħbija, ħatt jew trasferiment ta' tagħbijiet perikoluż, *slops,* residwi jew tagħbijiet perikoluż ippakkjati, bejn it-tankijiet, kompartimenti jew kontenituri ta' bastiment u/jew moll, terminal marittimu, faċilità marittima, vetturi, *freight container* jew mezzi oħra ta' trasport, jew bejn bastimenti. Hija tinkludi t-trasferiment għal, minn jew ġewwa area ta' l-imħażen ta' terminal marittimu/ faċilità marittima, inkluża ż-żamma intermedja, jiġifieri l-magazzinaġġ temporanju ta' tagħbijiet perikoluż fl-area tal-port waqt it-trasport tagħhom mill-punt ta' oriġini għad-destinazzjoni tagħhom għall-iskop tal-bdil tal-mod u l-mezz tat-trasport;

"żejt" tfisser pitrolju f'kull forma likwida u tinkludi żejt mhux raffinat u kull prodott likwidu ta' idrokarburi miksub minnu, kopert b'*Annex I* ta' *MARPOL 73/78*;

"żona ta' riskju" tfisser kull area fuq l-art li minħabba l-istallazzjoni u/jew użu ta' tagħmir elettriku tkun meqjusa bħala perikoluża, jew li fiha jistgħu ikunu potenzjalment preżenti *toxins* ta' periklu għall-ħajja jew saħħa tal-bniedem; u

"*BC Code*" tfisser il-*Code of Safe Practice for Solid Bulk Cargoes*;

"*BCH Code*" tfisser il-*Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Dangerous Chemicals in Bulk 1985/1989* u kull emendi sussegwenti;

"*COLREGS*" tfisser l-"*International Convention for Preventing Collisions at Sea* 1972/1989" ta' l-IMO u kull emendi sussegwenti;

"*COW*" tfisser ħasil ta' żejt mhux raffinat;

"*IAPH*" tfisser l-*International Association of Ports and Harbours*;

"*IBC Code*" tfisser l-*International Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Dangerous Chemicals in Bulk 1982/1989* u kull emendi sussegwenti;

"*ICF*" tfisser *International Certificate of Fitness* maħruġ minn jew f'isem Amministrazzjoni skond il-Kodiċijiet rilevanti għall-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' tip ta' bastiment, li jiċċertifika li l-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-bastiment ikunu tali li ċerti tagħbijiet perikolużi speċifikati jistgħu jinġarru fuq dak il-bastiment;

"*ICS*" tfisser l-*International Chamber of Shipping*;

"*IGC Code*" tfisser l-*International Code for the Construction and Equipment of Ships Carrying Liquefied Gases in Bulk 1976/1993* ta' l-*IMO* u kull emendi sussegwenti;

"*IMDG*" tfisser l-*International Maritime Dangerous Goods Code 1977/1992* ta' l-*IMO* u l-*IMDG Code Supplement* (inklużi l-*EmS, MFAG, BC Code, IMO/ILO Guidelines for Packing Cargo in Freight Containers or Vehicles*) u kull emendi sussegwenti;

"*IMO*" tfisser l-*International Maritime Organisation*;

"*IMO Code for Existing Ships Carrying Liquefied Gases*" tfisser il-*Code for Existing Ships Carrying Liquefied Gases in Bulk 1976/80* u kull emendi sussegwenti;

"*INTERTANKO*" tfisser l-*International Association of Independent Tanker Owners*;

"*ISGOTT*" tfisser l-*International Safety Guide for Oil Tankers and Terminals, third edition 1991* u kull emendi sussegwenti;

"*MARPOL*" tfisser l-*International Convention for the Prevention of Pollution from Ships 1973/1978 ta'* l-*IMO* (inkluži *Annexes* 1 u 2) u kull emendi sussegwenti;

"*NLS Certificate*" tfisser l-*International Certificate for Prevention of Pollution by Noxious Liquid Substances in Bulk*;

"*OCIMF*" tfisser il-gwidi ta' l-*Oil Companies International Marine Forum*, kif korrenti u kull emendi sussegwenti;

"*SIGTTO*" tfisser il-gwidi tas-*Society of International Gas Tankers and Terminal Operators*, kif korrenti u kull emendi sussegwenti;

"*SOLAS*" tfisser l-*International Convention for the Safety of Life at Sea 1974/1978* ta' l-*IMO* u kull emendi sussegwenti;

"*STCW*" tfisser l-*International Convention on Standards of Training, Certification and Watchkeeping for Seafarers 1978/1991* ta' l-*IMO* u kull emendi sussegwenti.

TAQSIMA I

Ġenerali

Applikazzjoni tar-regolamenti.

4. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal:

(a) kull bastiment li jkun qed iġorr tagħbijiet perikoluži, jew ir-residwi jew *slops* ta' tagħbijiet bħal dawk;

(b) kull bastiment li jkun qabel ġarr tagħbijiet bħal dawk u li ma jkunx ġie ċċertifikat ħieles mill-gass;

(ċ) kull bastiment li jkun fuq xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet, jew xogħol ta' maniġġ ta' *slops* jew residwi ta' dawk it-tagħbijiet;

(d) kull bastiment li jkun qed isirlu xogħol ta' inertjar, ta' tnaddif tat-tankijiet, ta' ħelsien mill-gass jew ta' tisfija;

(e) kull barkun tal-*bunkers* u kull bastiment li jkun qed jirċievi *bunkers*;

(f) kull *road tanker* li jkun ġewwa xi area ta' port sabiex jissupplixxi *bunkers* lill-bastimenti;

(ġ) kull terminal u faċilità marittima impenjat fuq xogħol ta' maniġġ u magazzinaġġ ta' tagħbijiet perikoluż;

(ħ) kull bastiment li jkun qed iġorr jew impenjat f'xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet fuq tagħbijiet perikoluż f'għamla ppakkjata;

(i) kull bastiment li jkun qed iġorr jew impenjat f'xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet fuq tagħbijiet perikoluż solidi in massa;

(j) l-interessi kollha fit-tagħbija.

Obbligu prinċipali.

5. L-obbligu, responsabbiltà u konsiderazzjoni prinċipali ta' kull Kaptan u sid ta' tagħbijiet, bastimenti u braken tal-*bunkers*, ta' kull operatur ta' terminal marittimu jew faċilità marittima u ta' kull interess fit-tagħbija għandhom ikunu s-sigurezza tal-ħajja, il-prevenzjoni ta' tniġġis ta' l-ambjent marittimu, il-kontroll effettiv u effiċjenti ta' dak it-tniġġis u l-protezzjoni tal-proprjetà ta' oħrajn.

Ġenerali.

6. (1) Tkun ir-responsabbiltà tal-persuni speċifikati fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti u tal-Kaptan ta' kull biċċa tal-baħar li jassiguraw li ebda sustanza ma tintafa' jew tiħalla toħroġ għal ġol-portijiet, ibħra interni u territorjali ta' Malta.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tehel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat.

Rapportar.

7. (1) Ir-responsabbiltà għall-irrapportar minnufih lid-Direttur ta' kull sitwazzjoni ta' emerġenza, kemm jekk din tkun diġà teżisti jew perċepita li qed tiżviluppa, jew tal-preżenza ta' xi sustanza fl-ibħra interni u territorjali taqa' fuq il-persuni preskritti fis-subparagrafi (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu, iżda ma teskludix lil xi persuna oħra milli tirrapporta dawk il-ħwejjeġ lid-Direttur:

(a) waqt li bastiment jew barkun tal-*bunkers* ikun miexi, ankrat jew marbut mal-bagi, l-irrapportar ikun ir-responsabbiltà tal-Kaptan;

(b) waqt li bastiment jew barkun tal-*bunkers* ikun f'irmiġġ, *jetty* jew ankraġġ ta' terminal marittimu/faċilità marittima, l-irrapportar ikun ir-responsabbiltà kemm tal-Kaptan kif ukoll ta' l-operatur ta' dawk il-postijiet;

(ċ) meta dawk il-ħwejjeġ jiġru fi jew minn terminal marittimu/faċilità marittima jew *pipelines* ta' taħt l-ilma mqabbda ma' jew ikkontrollati minn dawk il-postijiet, l-irrapportar ikun ir-responsabbilità ta' l-operatur ta' dawk il-postijiet;

(d) meta dawk il-ħwejjeġ jiġru f'xi post minbarra dawk speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (ċ) ta' dan il-paragrafu, l-irrapportar ikun ir-responsabbiltà ta' kull Kaptan u kull operatur jew kull persuna oħra li tkun ħekk qed tosserva jew tipperċepixxi ħwejjeġ bħal dawk.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira.

Spezzjonijiet u kontroll.

8. (1) Kull spettur maħtur mid-Direttur jista' jmur liberalment f'kull ħin u mingħajr għoti ta' avviż minn qabel, abbord kull barkun tal-*bunkers* jew bastiment, jew ġewwa kull terminal marittimu/faċilità marittima, jew biex jispezzjona l-attivitajiet ta' kull interess fit-tagħbija ġewwa l-port li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti.

(2) Waqt spezzjoni spettur jista' jieħu kampjun jew kampjuni tat-tagħbija jew sustanzi oħra u jieħu ħsieb li dawn jittieħdu biex jiġu ttestjati f'dawk il-postijiet u f'dawk il-ħinijiet li d-Direttur jista' jistabbilixxi. Il-Kaptan, is-sid jew operatur, l-interessi fit-tagħbija jew kull persuna oħra maħtura minnhom jistgħu ikunu preżenti waqt dak l-ittestjar.

(3) Il-persuni speċifikati taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jagħtu l-koperazzjoni u l-għajnuna kollha tagħhom lil kull spettur bħal dak, inkluża l-preżentazzjoni ta' kull dokument li jintalab minn dak l-ispettur, jew li ż-żamma tiegħu hija preskritta b'dawn ir-regolamenti jew bl-Istrumenti Rilevanti, u l-interrogazzjoni, jew waħidha jew fil-preżenza ta' xhieda, ta' kull persuna li l-ispettur iqis li tkun rilevanti għal xi spezzjoni jew investigazzjoni li tkun qed issir.

(4) Id-Direttur jista' jġiegħel li jitwaqqaf kull xogħol fuq l-art jew abbord kull bastiment jew barkun.

(5) Id-Direttur jista' jaħtar persuna jew persuni għar-riskju u għall-ispejjeż tas-sid, operatur jew interessi fit-tagħbija biex jissorvelja t-tħaris ta' dawn ir-regolamenti. Il-preżenza ta' dik il-persuna jew persuni ma għandhiex tikkostitwixxi għarfien li dawn ir-regolamenti jkunu qed jiġu mħarsa, u lanqas ma teħles lis-sid, Kaptan, operatur jew interessi fit-tagħbija minn xi responsabbiltà għal, jew obbligu li jirriżulta minn, xi nuqqas ta' tħaris ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Kull persuna li tonqos li thares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (2) u (3) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull reat.

Tħaris ta' l-Istrumenti Rilevanti.

9. Hlief kif jista' jiġi stabbilit u ordnat xort'oħra mid-Direttur minn żmien għal żmien, il-kostruzzjoni, ix-xogħol, it-tagħmir, il-proċeduri, il-personal u l-prattika ta' kull bastiment (inklużi bastimenti ta' tagħbijiet mhux perikoluż waqt li jkunu qed jirċievu *bunkers*), barkun tal-*bunkers*, terminal marittimu u faċiltà marittima u l-attivitajiet ta' l-interessi fit-tagħbija għandhom ikunu bi tħaris sħiħ ta', u esegwiti strettament skond, il-ħtiġiet kollna stabbiliti fl-Istrumenti Rilevanti.

L-intenzjoni tar-regolamenti għar-rigward ta' l-Istrumenti Rilevanti.

10. Il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti dwar xogħol, proċeduri, tagħmir u kostruzzjoni ma humiex maħsuba biex ikunu eżawrjenti, iżda huma preskritti biex jissupplimentaw, jikkomplementaw, jew jenfasizzaw uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-Istrumenti Rilevanti, waqt li jieħdu f'konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet lokali prevalenti u l-ħtiġiet partikolari ta' l-Awtorità, minn żmien għal żmien.

TAQSIMA II

Bastimenti

Kondizzjonijiet għall-bastimenti li jkunu dħlin fl-ibħra ta' Malta.

11. (1) Jistgħu jidħlu fl-ibħra ta' Malta dawk il-bastimenti biss li jkunu ċċertifikati li jkunu f'konformità kemm mar-regolamenti eżistenti f'Malta kif ukoll mal-Konvenzjonijiet ta' l-*IMO* li Malta tkun aċċediet għalihom.

(2) Bastiment ma għandux jidħol f'port kemm-il darba ma jkunx jikkonforma ma' dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) bastiment li jkun qed iġorr tagħbija sħiħa ta' tagħbijiet perikoluż f'kontenituri għandu jikkonforma mar-regolamenti stabbiliti għat-tankers;

(b) bastiment li parti mit-tagħbija li jkun qed iġorr tkun tagħbija perikoluża ppakkjata għandu jħares il-ħtiġiet kollha stabbiliti fl-*IMDG Code* ta' l-*IMO* u Istrumenti Rilevanti oħra;

(ċ) skond ix-xorta u l-kwantitajiet tat-tagħbijiet li jkunu qed jinġarru, dan jista' jinkludi bastimenti bħal dawk deskritti fis-subparagrafu (b) ta' dan ir-regolament li jkollhom *eductors* u sistemi ta' ventilazzjoni adegwati biex tiġi assigurata d-dispersjoni effiċjenti ta' fwar li jista' jakkumula x'imkien f'xi kompartiment kif ukoll pompi speċjali iffittjati fi spazju b'ventilazzjoni tajba biex tiġi assigurata l-espulsjoni tan-nixi minn xi tagħbija perikoluża għal ġo tank jew tankijiet iċċertifikati li jkunu dedikati għal hekk.

Avviż minn qabel tal-wasla u *status* tal-bastiment.

12. (1) Il-Kaptan, sid jew aġent ta' kull bastiment li jkun bi ħsiebu jidħol fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta għandu, mhux inqas minn 72 siegħa qabel il-wasla tiegħu fl-ibħra territorjali, javża lid-Direttur permezz tat-telex, facsimile jew bil-miktub fil-forma speċifikata fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda —

(a) Jekk sussegwentement tiġri xi ħaġa li minħabba fiha l-ħin tal-wasla ddikjarat ikun irid jinbidel b'sagħtejn jew aktar, il-Kaptan, sid jew aġent għandu, hekk kif dik il-bidla tkun ġiet determinata, jgħarraf lid-Direttur bil-mezzi preskritti fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jew b'xi mezz effettiv ieħor ta' komunikazzjoni;

(b) meta fil-fehma tad-Direttur l-avviż tal-wasla ma jkunx jista' jingħata fiż-żmien meħtieġ, huwa jista' jippermetti li dak l-avviż jingħata mill-aktar fis possibbli — iżda f'kull każ mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-wasla fl-ibħra territorjali;

(ċ) il-Kaptan, sid jew aġent ta' kull bastiment li jkun ġewwa l-ibħra territorjali għandu jgħarraf minnufih lid-Direttur b'kull bidla li tokkorri fl-informazzjoni li għandha tiġi notifikata taħt dan ir-regolament.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u sebgħin lira għal kull reat.

Konferma ta' l-avviż tal-wasla ta' tanker.

13. (1) Kif jasal fil-port, il-Kaptan ta' tanker għandu jipprovdi lill-*clearing inwards officer* b'Avviż mimli kif speċifikat fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li bih huwa jikkonferma bil-miktub il-validità kontinwa ta' l-informazzjoni bil-quddiem mogħtija taħt ir-regolament 12 u kull informazzjoni oħra meħtieġa mid-Direttur.

(2) Kull Kaptan li jagħmel, xjentement jew bi traskuraġni, xi dikjarazzjoni li tkun falza f'xi dettall sostanzjali f'xi *return,* talba, jew dokument ieħor, li huma meħtieġa jew awtorizzati li jsiru bil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament partikolarment dwar sustanzi perikoluż, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn tlett elef lira għal kull dikjarazzjoni falza bħal dik.

Bastimenti li jkunu jġorru tagħbijiet perikoluż ppakkjati, konferma ta' l-*istatus* u ċertifikat ta' osservanza.

14. (1) Malli jasal f'port, il-Kaptan ta' bastiment li jkun qed iġorr tagħbijiet perikoluż ppakkjati għandu, b'żieda mal-konferma ta' l-informazzjoni bil-quddiem li hija meħtieġa fir-regolament 13, jipprovdi lill-*inwards clearing officer* bid-dettalji sħaħ tal-mod li bih it-tagħbijiet

ikunu stivati, b'kopja tal-manifest dedikat tat-tagħbija perikoluża u b'kull informazzjoni oħra meħtieġa mid-Direttur.

(2) Kull Kaptan li jagħmel, xjentement jew bi traskuraġni, xi dikjarazzjoni li tkun falza f'xi dettall sostanzjali f'xi *return*, talba, jew dokument ieħor, li huma meħtieġa jew awtorizzati li jsiru bil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament partikolarment dwar tagħbijiet perikoluż, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn tlett elef lira għal kull dikjarazzjoni falza bħal dik.

(3) Bastiment tali ma għandu jagħmel ebda xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet kemm-il darba l-Kaptan ma jipprovdix lill-*inward clearing officer* biċ-ċertifikat(i) oriġinali mill-port jew portijiet tat-tagħbija, li jiċċertifika jew jiċċertifikaw li l-ippakkjar u l-istivar tat-tagħbijiet perikoluż ppakkjati ikunu skond l-*IMDG Code* jew, f'mankanza ta' dan, skond ir-regoli tal-port jew portijiet tat-tagħbija.

Avviż tal-ħsieb ta' xogħol fuq tagħbijiet.

15. Qabel ma jkunu jistgħu jitħallew jiġu mmaniġati tagħbijiet perikoluż, is-sid għandu javża kif meħtieġ lid-Direttur bil-post u l-ħin ta' dak ix-xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet li jkun hemm maħsub.

Restrizzjonijiet fuq il-maniġġ ta' tagħbijiet perikoluż ppakkjati.

16. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull regolament ieħor li jinsab f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ma jkunx espressament awtorizzat bil-miktub mid-Direttur, tagħbijiet perikoluż ppakkjati ma għandhomx jiġu mgħobbija, maħtuta, immaniġġati jew trasferiti abbord xi bastiment fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsamxett minn inżul ix-xemx sa tlugħ ix-xemx, u ebda *lighters* ma għandhom jitħallew jibqgħu jew imorru mal-ġenb ta' bastiment bħal dak matul dak il-ħin.

(2) Ebda *lighters* ma għandhom jitħallew mal-ġenb ta' bastiment li jkun qed iġorr tagħbijiet perikoluż ppakkjati u ebda gangijiet ta' ħaddiema ma għandhom jitħallew fuq bastiment bħal dak qabel ma jkun wasal biex jibda x-xogħol fuq il-maniġġ tat-tagħbija.

(3) Kemm-il darba ma jkunx espressament awtorizzat bil-miktub mid-Direttur, il-kompartimenti ta' bastiment li jkun fihom xi tagħbijiet perikoluż ppakkjati għandhom jibqgħu magħluqin u maqfulin fiż-żgur minn inżul ix-xemx sa tlugħ ix-xemx kif ukoll matul kull perijodu ieħor meta ma jkunux qed jinħadmu tagħbijiet f'dawk il-kompartimenti.

(4) Kull maniġġ, proċedura u xogħol li jsiru fuq tagħbijiet perikoluż ppakkjati għandhom ikunu strettament skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti (partikolarment l-*IMDG Code*) u dawk il-ħtiġiet u prekawzjonijiet għandhom ikunu sorveljati kif imiss abbord u fuq l-art matul kull biċċa xogħol, kif deskritt f'dawn ir-regolamenti.

(5) Matul iż-żmien li fih ikunu qed jiġu mmaniġġati tagħbijiet perikoluži ppakkjati, ebda merkanzija oħra ma għandha tinħadem fl-istess kompartiment jew b'tali mod li wieħed ikollu jgħaddi minn fuq jew minn ġo l-area fejn ikun qed isir ix-xogħol fuq tagħbijiet perikoluži ppakkjati, jew li jfixkel il-maniġġ ta' tagħbijiet perikoluži ppakkjati b'xi mod ikun li jkun.

(6) Meta parti mit-tagħbija tkun sustanzi perikoluži ppakkjati, dawn għandhom ikunu stivati b'tali mod li jkun żgurat li kull oġġett bħal dak ikun jista' jinħatt l-ewwel, hekk kif jibda x-xogħol fuq it-tagħbija wara l-wasla tal-bastiment fil-port.

(7) Mingħajr preġudizzju għal kull Att jew regolamenti oħra prevalenti, kemm-il darba ma jkunx espressament awtorizzat bil-miktub mid-Direttur, tagħbijiet perikoluži ppakkjati abbord bastiment li jkunu qed jinġarru *in transit* biex jinħattu f'xi port barrani sussegwenti għandhom ikunu stivati f'kompartimenti jew arei li ma jkunx fihom merkanzija għall-ħatt f'Malta u li jkunu segregati sewwa u b'mod effettiv mit-tluq ta' fwar u likwidu minn kull kompartiment u area ta' xogħol oħra li jkunu ser jintużaw f'Malta.

(8) Kemm-il darba ma jkunx espressament awtorizzat xort'oħra bil-miktub mid-Direttur, dawk il-kompartimenti li jkun fihom tagħbijiet perikoluži ppakkjati *in transit* għandhom jibqgħu magħluqin u maqfulin fiż-żgur matul iż-żmien kollu li l-bastiment ikun qiegħed fl-ibħra ta' Malta.

(9) Ebda persuna ma tista' taċċetta għat-tagħbija jew ħatt xi kontenitur li jkun fih tagħbijiet perikoluži li jkun inixxi jew li jkollu ħsara sostanzjali.

(10) Jekk jinstab xi kontenitur bi ħsara bħal dik, id-Direttur għandu jiġi mgħarraf mill-enti responsabbli għall-kontenitur f'dak iż-żmien u dak il-kontenitur għandu jiġi minnufih iżolat minn kull oġġett perikolu ieħor fil-viċinanza u meħud f'distanza ta' mill-anqas 50 metru minn kull kompartiment tat-tagħbija miftuħ jew kull area oħra abbord jew fuq l-art fejn jistgħu jeżistu riskji rilevanti għan-natura tal-kontenut tal-kontenitur bil-ħsara.

(11) Il-kontenitur bil-ħsara għandu imbagħad, bil-ħeffa prudenti kollha u skond il-ħtiġiet ta' sigurezza u prevenzjoni ta' tinġis ta' l-Istrumenti Rilevanti, jittieħed temporanjament f'area ta' bla periklu ġewwa l-port, skond kif id-Direttur jista' jiddeċiedi minn żmien għal żmien.

(12) Wara dan is-sid ta' kull kontenitur bil-ħsara għandu jagħmel arranġamenti immedjati għar-riskju u għall-ispejjeż tiegħu biex ineħħi kull kontenitur bħal dak mill-area tal-port għal post ta' bla periklu 'l barra mill-portijiet jew l-ibħra territorjali ta' Malta. Dawn il-proċeduri u xogħol ta' tneħħija għandhom isiru f'dak iż-żmien u matul dawk il-perijodi li jiġu speċifikati mid-Direttur, u fil-ħin, bla periklu u b'attenzjoni kbira skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti u ta' kull dispożizzjoni oħra li tinsab f'xi Att jew regolamenti ta' Malta. Id-Direttur iżomm ukoll id-dritt li jordna biex kontenitur bħal dak jitneħħa f'xi żmien ieħor jew b'xi mezzi oħra meqjusa xierqa, iżda din it-tneħħija tkun dejjem għar-riskju u għall-ispejjeż tas-sid.

(13) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet dwar il-perijodu ta' żmien u l-metodi li fih u bihom oġġetti bil-ħsara għandhom jitneħħew mill-area tal-port, li jinsabu fil-paragrafu (12) ta' dan ir-regolament, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira għal kull nuqqas ta' tħaris ta' dik il-ħtieġa.

(14) Il-braken u l-*lighters* li jintużaw għall-ġarr ta' sustanzi għandhom ikunu f'konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu ta' l-azzar u l-kostruzzjoni tagħhom għandha tkun skond il-ħtiġiet kollha ta' kemm l-Istrumenti Rilevanti kif ukoll ta' dawn ir-regolamenti;

(b) kull tagħmir ta' sigurezza, tagħmir għall-prevenzjoni ta' ħruq u tinġis, proċeduri u ħidma tagħhom għandhom ikunu f'konformità ma' u mmexxija strettament skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti, b'mod partikolari l-*IMDG Code*;

(ċ) għandu jkollhom *fenders* adatti biex jiġi żgurat li ma jkun jeżisti ebda riskju ta' ġenerazzjoni ta' xrar meta jmorru mal-ġenb ta' jew iħallu bastiment, *jetty* jew irmiġġ;

(d) fil-ħinijiet kollha meta jkunu qed iġorru sustanzi, jew waqt li jkunu mal-ġenb ta' bastiment li jkollu sustanzi abbord, għandhom jarmaw il-*wire* ta' rmonkar ta' emerġenza kif speċifikat fis-subparagrafu (m) tal-paragrafu (1) tar-regolament 24 ta' dawn ir-regolamenti;

(e) meta jkunu qed iġorru sustanzi, żewġ braken jew *lighters* jew iżjed ma għandhomx jiġu rmunkati ġenb ma' ġenb;

(f) kulmeta sustanzi volatili jew esplożivi jkunu qed jitgħabbew minn jew fi braken jew *lighters* mal-ġenb ta' bastiment, l-irbit abbord il-bastiment jew *lighter* għandu jsir b'mod li jkun jista' jintelaq faċilment u bla periklu f'emerġenza;

(ġ) jekk ma jkunx marbut għall-irmonkar, barkun jew *lighter* li jieħu n-nar ma għandux jintelaq għal kollox mar-riħ mingħajr l-istruzzjonijiet espressi tad-Direttur.

(15) Ebda persuna ma għandha tħott jew tiddepożita xi tagħbija perikoluża ppakkjata ġewwa xi area ta' port qabel ma t-trasport jew mezz ta' trasport li bih it-tagħbija tkun se tinġarr ikun f'dak il-post lest biex jirċivieha u kull tagħbija perikoluża ppakkjata li tiġi żbarkata jew depożitata għandha minnufih tittieħed minn fuq il-moll għal fuq il-bastiment jew minn fuq il-moll għall-post ta' magazinaġġ stabbilit kif imiss, skond il-każ.

(16) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (15) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira għal kull reat.

(17) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan ir-regolament, minbarra l-paragrafi (12) u (15) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Prerogattiva tad-Direttur dwar l-irmiġġ għal bastimenti li jkunu jġorru sustanzi in massa.

17. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, bastimenti li jkunu jġorru sustanzi għandhom isorġu, jirmiġġaw jew jankraw f'dawk il-postijiet partikolari ġewwa l-portijiet u l-ibħra territorjali ta' Malta, skond kif id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jordna u ma għandhomx, mingħajr il-permess bil-miktub tad-Direttur, jiġu mneħħija minn hemm ħlief sabiex jitilqu minn port direttament jew biex imorru direttament għal irmiġġ tat-tnaddif ta' tankijiet rikonoxxut mid-Direttur.

(2) Fid-diskrezzjoni tad-Direttur, suġġett għall-proprjetajiet tas-sustanzi, bastimenti li jkollhom abbord tagħbijiet perikolużi ppakkjati f'kontenituri li jesgħu mhux iżjed minn 500 litru kull wieħed u fi kwantitajiet totali li ma jeċċedux:

(a) 3000 litri ta' tagħbijiet perikolużi volatili;

(b) 6000 litri ta' tagħbijiet perikolużi mhux volatili;

(ċ) 4500 litri b'kollox ta' tagħbijiet perikolużi volatili u mhux volatili

ma għandhomx jitqiesu li jkunu bastimenti suġġetti għar-restrizzjonijiet ta' irmiġġar speċifikati fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament minħabba li jkunu jġorru dawk it-tagħbijiet perikolużi, basta li dawk it-tagħbijiet

perikolużi jkunu f'kontenituri storjati fuq il-gverta jew f'kompartiment miżmum magħluq tul iż-żmien kollu li l-bastiment jagħmel fl-ibħra ta' Malta.

Aċċess ristrett għal bastimenti li jkunu jġorru tagħbijiet perikolużi.

18. (1) Ebda tanker ma għandu jidħol fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsamxett, ħlief kif espressament provdut fil-każ tal-Port il-Kbir taħt ir-regolamenti 22, 25, 26, 27, 30 u 91 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Pilotaġġ.

19. Il-Kaptan ta' kull bastiment li jasal fl-ibħra territorjali jġorr sustanzi perikolużi in massa jew f'pakki għandu jqabbad bdot sabiex jidħol f'port, joħroġ minn port jew jiċċaqlaq f'xi port u għandu jgħarraf lill-bdot malli jitla' abbord bix-xorta tat-tagħbija.

Sinjali.

20. (1) Qabel ma bastiment tali jidħol f'port u tul iż-żmien kollu li huwa jagħmel f'port, il-bastiment għandu jtella' bi nhar il-bandiera "B" ta' l-*International Code* u bil-lejl, b'żieda ma' kull dawl ta' navigazzjoni li jista' jkun meħtieġ b'xi regolamenti oħra, għandu jesebixxi fejn l-aktar li jkun viżibbli, iżda f'kull każ mhux inqas minn 7 metri 'il fuq mill-gverta, dawl aħmar viżibbli mill-orizzont kollu sa distanza ta' għall-anqas żew mili.

(2) Fil-każ ta' bastiment li minħabba l-kostruzzjoni jew daqs tiegħu ma jkunx normalment jista' josserva d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, il-Kaptan jista' minflok dawk is-sinjali juri bi nhar f'pożizzjoni prominenti 'l fuq mill-gverta bandiera ħamra tal-metall ta' mhux anqas minn 0.5 metru kwadru u bil-lejl dawl aħmar li jidher min-naħiet kollha.

Pieni.

21. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 19 u 20 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira għal kull reat.

Tluq ta' bastimenti.

22. (1) Kull bastiment għandu, malli jlesti mix-xogħol fuq it-tagħbija, joħroġ barra l-portijiet u l-ibħra territorjali mingħajr dewmien, ħlief li tanker jista' bil-permess espress tad-Direttur bil-miktub u taħt dawk il-kondizzjonijet li d-Direttur jista' jippermetti, imur direttament u bit-tankijiet kollha tat-tagħbija magħluqin fiż-żgur għal irmiġġ tat-tnaddif tat-tankijiet għall-iskop ta' tnaddif tat-tankijiet u/jew ħelsien mill-gass.

(2) Kull persuna li tonqos li tosserva xi direttiva mogħtija mid-Direttur fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skond id-dispożizzjonijiet

tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat, u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Dħul u soġġorn projbit.

23. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' jipprojbixxi d-dħul fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta lil bastiment li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti, jew jsita' f'kull żmien jordna lil dak il-bastiment biex jitlaq mill-ibħra msemmija.

Ħtiġiet ġenerali dwar xogħol.

24. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra li tinsab f'dawn ir-regolamenti, tul iż-żmien kollu li jagħmel fil-portijiet u ibħra interni jew territorjali ta' Malta, il-Kaptan ta' bastiment, barkun tal-*bunkers* jew is-sid ta' *road tanker* (fejn applikabbli) għandu jiżgura l-osservanza tal-ħtiġiet ġenerali li ġejjin li jinsabu f'dan ir-regolament:

(a) bastiment jew barkun tal-*bunkers* għandu fil-ħinijiet kollha jkun f'wiċċ il-baħar, ħlief fil-każ ta' tanker li jkun iċċertifikat inert fi *drydock,* kif deskritt fir-regolament 27 u 28 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) ebda bastiment li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti u li ma' jkunx tanker inertjat iċċertifikat f'tarznar ta' tiswija ma għandu, ħlief għall-iskopijiet ta' trasbord, joqgħod 'il ġewwa minn 30 metru minn kull bastiment ieħor mingħajr il-permess espress tad-Direttur bil-miktub;

(ċ) bastiment għandu fil-ħinijiet kollha jkun marbut fiż-żgur bi ħbula tal-fibra jew tal-*wire* tajbin, hekk li jiġi evitat ċaqlieq eċċessiv fi, jew qtugħ mar-riħ minn, l-irmiġġ, *jetty* jew ankraġġi u għandhom jiġu osservati dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(i) kull irbit għandu preferibbilment ikun ta' l-istess materjal u kostruzzjoni, ħlief li irbit kompost għal kollox minn ħbula ta' elastiċità għolja ma hux permess;

(ii) f'kull mod ta' rbit qatt ma jistgħu jintużaw ħbula ta' elastiċità differenti flimkien fl-istess direzzjoni;

(iii) il-ħbula tal-*wire* kollha għandhom ikunu provduti bi trufijiet tal-fibra li jkunu ta' mill-anqas 25% aktar qawwija mill-*wires* li jkunu mqabbdin magħhom u jkollhom tul li ma jeċċedix terz tad-distanza ta' bejn is-*side chock* tal-bastiment u l-irmiġġ, *jetty*, jew *buoy mooring point*;

(iv) *self tensioning winches* iffittjati bi tniżżil u ġbid awtomatiku ma għandhomx jintużaw fl-*automatic mode* waqt li l-bastiment ikun sorġut;

(v) Il-karatteristiċi, il-proċeduri ta' manutenzjoni u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-manifattur rigward il-*brake holding power* ta' *self stowing mooring winches,* għandhom ikunu mifhuma u osservati għal kollox mill-membri kollha kkonċernati ta' l-ekwipaġġ;

(vi) tul iż-żmien kollu li jagħmel f'portijiet Maltin, l-integrità u l-effikaċja ta' kull irbit, sistemi ta' rbit u tagħmir li jagħmel magħhom għandhom jiġu mgħassa kontinwament u miżmuma effettivi;

(d) ħlief meta jkun sejjer direttament għal faċilità ta' tiswija meta jasal fl-ibħra territorjali, l-*overboard valves* u s-*sea valves* kollha mqabbdin ma' kompartimenti tat-tagħbija, ta' *slops,* ta' *sludge* jew tal-kamra tal-pompi għandhom ikunu magħluqin għal kollox u issiġillati pożittivament, hekk illi ma jkunux jistgħu jinfetħu aċċidentalment u

(i) is-sentini u l-bjar kollha tal-kamra tal-pompi għandhom ikunu f'kondizzjoni nadifa u xotta u hekk miżmuma;

(ii) fil-każ ta' bastiment f'faċilitajiet ta' tiswija, kull bastiment bħal dak għandu jitlaq minn dawk il-faċilitajiet bis-sentini u l-bjar kollha nodfa u xotti;

(e) l-aperturi esterni kollha fis-*superstructures* ta' bastiment li jkunu fuq, jieħdu direttament għal, jew iħarsu fuq area li tista' tkun ta' periklu abbord jew żona li tista' tkun ta' riskju fuq l-art bl-eċċezzjoni tal-kamra tal-pompi, għandhom jibqgħu magħluqin tul ix-xogħol kollu li jkollu x'jaqsam ma':

(i) il-maniġġ ta' tagħbijiet perikolużi;

(ii) it-tagħbija ta' tagħbijiet perikolużi f'tankijiet mhux ħielsa mill-gass;

(iii) is-saborrar ta' tankijiet mhux ħielsa mill-gass;

(iv) is-saborrar f'tankijiet li jkun kellhom fihom tagħbijiet perikolużi;

(v) it-tnaddif ta' tankijiet jew ħasil ta' żejt mhux raffinat;

(vi) ventilar jew tisfija ta' tankijiet;

(vii) ħelsien mill-gass;

(f) l-*intakes* kollha ta' ventilazzjoni jew ta' kondizzjonament ta' l-arja għal dawk il-postijiet kollha kif dettaljati fis-subparagrafu (e) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu magħluqin, kemm-il darba ma jkunux jistgħu jiġu aġġustati b'mod li ma jkunx jista' jidħol fwar minn tagħbijiet perikolużi f'dawk l-ispazji;

(ġ) meta l-kondizzjonijiet atmosferiċi jkunu tali li jkun hemm ftit moviment ta' l-arja u jistgħu jippersistu konċentrazzjonijiet qawwija ta' fwar perikoluż fuq il-gverta, jew inkella r-riħ prevalenti x'aktarx li jkun jista' joħloq brim ta' l-arja fuq innaħa kennija tas-*superstructures* ta' bastiment li jista' jġorr konċentrazzjonijiet lokali qawwija ta' fwar ventilat bħal dak lejn is-*superstructures*, il-prekawzjonijiet imniżżla fis-subparagrafi (e) u (f) ta' dan ir-regolament jista' jkollhom jiġu estiżi, jew jiġi sospiż dak ix-xogħol matul iż-żmien li fih jippersistu dawk il-kondizzjonijiet;

(h) il-Kaptan għandu jiżgura li l-provvisti kollha ta' materjal assorbenti, ħlief dak approvat mill-Istrumenti Rilevanti għattneħħija ta' tixridiet żgħar, jkunu stivati f'postijiet effettivament segregrati minn kull area fejn jistgħu ikunu preżenti tagħbijiet perikolużi u li ebda materjal assorbenti ma jitħalla jiġi skartat f'xi area bħal dik;

(i) tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel f'ankraġġ, *jetty* jew irmiġġ ta' xi terminal maritimu jew faċilità marittima, il-manek tat-tifi tan-nar għandhom ikunu mqabbdin mal-*fire main* tat-tanker (wieħed fuq quddiem u wieħed fuq wara tal-*cargo manifold*) ħlief meta jkunu qed isirulu tiswijiet f'tarznar ta' tiswija, u:

(i) meta jkun hemm provduti *monitors,* dawn għandhom ikunu mmirati fuq il-*manifold* u lesti għal użu immedjat;

(ii) waqt li jkun qiegħed isir xogħol fuq it-tagħbija jew xogħol ta' soborrar, jekk ikun prattikabbli, għandu jkun hemm pompa li żżomm pressjoni fuq il-*fire main* tat-tanker, iżda jekk dan ma jkunx possibbli l-*fire pump* għandu jinżamm f'kondizzjoni *standby* lest għal użu immedjat;

(iii) tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel f'ankraġġ, *jetty* jew irmiġġ ta' xi teminal maritimu jew faċilità maritima, l-*international ship/shore fire connection*, kemm dik tat-tanker kif ukoll dik ta' l-art, għandha tkun immarkata b'mod prominenti u lesta l-ħin kollu biex minnufih titrasferixxi l-ilma għat-tifi ta' nirien;

(iv) l-apparat kollu meħtieġ għat-tifi ta' nirien, inklużi *portable fire extinguishers*, respiraturi, eċċ. għandhom jinżammu disponibbli għal-lest, speċjalment fil-viċinanza tal-*cargo manifolds*;

(j) kemm jekk inert jew le, meta tkun antiċipata tempesta elettrika fil-viċinanza ta' bastiment, jew ta' *terminal* marittimu/faċilità marittima fejn bastiment ikun qed jagħmel xogħol kif dettaljat fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, dak ix-xogħol kollu għandu jieqaf. L-aperturi kollha tat-tankijiet u l-*vent-line valves,* inkluż il-*by-pas valve*, jekk iffittjat, fuq is-sistema tal-ventilazzjoni tat-tank, għandhom jingħalqu u s-sistemi tat-tagħbija u/jew ħasil ta' żejt mhux raffinat għandhom jiġu mwaqqfa;

(k) ebda dwal mikxufa ma huma permessi abbord bastiment, jew ġewwa area kif speċifikata fir-regolament 34 ta' dawn ir-regolamenti, li ma tkunx f'dak iż-żmien area dikjarata ħielsa mill-periklu jew iċċertifikata minn persuna kompetenti bħala ħielsa mill-periklu għal dawk l-għanijiet. Il-Kaptan tal-bastiment għandu wkoll jiżgura li dawn il-ħtiġiet jingħiebu għall-attenzjoni tal-persuni kollha mpjegati fuq kull bastiment, vapur ta' rmonk, *lighter* jew barkun tal-*bunkers* li jitħalla mal-ġenb tal-bastiment u ma għandu jħalli ebda inġenji li ma josservawx dawn il-ħtiġiet javviċinaw jew jibqgħu f'area bħal dik;

(l) ma għandu jitħalla jisr ebda xogħol ta' tiswija abbord bastiment qabel il-ħruġ tal-permess(i) rilevanti ("Xogħol bis-sħana/Xogħol bil-kiesaħ/Iżolament ta' l-Elettriku/Dħul", eċċ.) minn persuna kompetenti;

(m) tul iż-żmien kollu li bastiment jagħmel f'xi ankraġġ, *jetty* jew irmiġġ, *wires* ta' l-irmonk ta' emerġenza ('*fire wires*') ta' saħħa u kondizjoni adegwata għandhom jintrabtu fil-pruwa u fil-poppa (f'*jetty* jew irmiġġ, fuq in-naħa *off-shore* tat-tanker) bil-ħoloq tagħhom maħruġa 'l barra u miżmuma ma', jew viċin, il-*waterline*; għandu jitħalla reħi biżżejjed għal irmonkar effettiv f'emerġenza bejn il-bitta u ċ-*chock* tat-tanker u dak ir-reħi għandu jinżamm milli jiġri b'ħabel jew mezz ieħor li jista' jinqata' faċilment;

(n) ħlief meta jkunu qed isirulu tiswijiet f'tarznar ta' tiswija, tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel f'ankraġġ, *jetty* jew irmiġġ ta' terminal marittimu jew faċilità marittima, il-makni prinċipali, l-i*steering gear* u kull tagħmir ieħor tiegħu essenzjali għall-immanuvrar għandhom jinżammu f'kondizzjoni li t-tanker ikun jista' jitlaq minn dawk il-postijiet fi żmien 30 minuta;

(o) jekk għal xi raġuni dak il-bastiment ma jkunx jista' josserva l-ħtiġiet tas-subparagrafu (n) ta' dan ir-regolament, il-Kaptan għandu minnufih jgħarraf b'dan lid-Direttur li ma' dan jista' jagħti struzzjonijiet lill-Kaptan biex iqabbad vapur jew vapuri ta' rmonk ħalli jkun jew ikunu *stand-by* tul iż-żmien kollu li fih il-bastiment ma jkunx jista' josserva dawk il-ħtiġiet. Dak il-vapur (i) ta' rmonk għandu dejjem jiġi mqabbad għar-riskju u l-ispejjeż tal-bastiment;

(p) jekk id-Direttur jara li l-maltemp jew kondizzjonijiet oħra jistgħu jolqtu ħażin lill-irbit ta' bastiment, huwa jista' jagħti struzzjonijiet lill-Kaptan biex iqabbad vapur(i) ta' rmonk rikonoxxut ħalli jkun jew ikunu *stand-by* jew jassisti l-bastiment tul iż-żmien kollu li fih jara li se jibqgħu jippersistu dawk il-kondizzjonijiet. Dak il-vapur (i) ta' rmonk għandu dejjem jiġi mqabbad għar-riskju u l-ispejjeż tal-bastiment;

(q) ħlief kif id-Direttur jista' espressament jawtorizza bil-miktub u taħt kondizzjonijiet kontrollati speċifikati, ebda persuna ma tista' tidħol f'xi kompartiment tat-tagħbija jew spazju vojt, jew xi spazju magħluq ieħor abbord xi bastiment li jista' jkun fih gassijiet jew fwar ta' tagħbijiet perikolużi u li ma jkunx inħariġlu "Permess ta' Dħul" minn persuna kompetenti;

(r) l-inqas ħtiġiet atmosferiċi ġenerali aċċettabbli għall-ħruġ ta' "Permess ta' Dħul" huma:

(i) il-konċentrazzjonijiet ta' kull gass tossiku li x'aktarx jista' jkun preżenti fil-kompartiment għandhom, mal-kompartiment kollu, ikunu taħt it-*TLV* ta' dak il-gass;

(ii) għandu jintlaħaq u jinżamm livell kostanti ta' ossiġenu ta' 21% f'dak li hu volum mal-kompartiment kollu;

(iii) mal-kompartiment kollu, il-konċentrazzjoni ta' kull gass fjammabbli li x'aktarx ikun preżenti ma għandhiex teċċedi 1% ta' l-*LFL* ta' dak il-gass;

(iv) tul iż-żmien kollu li d-dħul ikun permess fil-kompartiment, il-kondizzjonijiet atmosferiċi dettaljati fis-subparagrafi (i) sa (iii) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu monitorjati l-ħin kollu fil-livelli kollha ġewwa l-kompartiment u għandhom hekk jinżammu bil-provdiment ta' ventilazzjoni forzata kontinwa u effettiva:

Iżda dan il-permess ikun validu u jibqa' ħekk validu biss meta jkun hemm konformità mar-riżorsi u l-proċeduri ta' sigurezza konġunti l-oħra kollha li huma meħtieġa mill-Istrumenti Rilevanti;

(s) il-Kaptan ta' kull bastiment li jkun qed jaħdem fuq il-ġarr ta' tagħbijiet perikolużi, jew li ma jkunx iċċertifikat ħieles għal kollox mill-gass, ma għandu jippermetti abbord lil ebda persuna mhux awtorizzata, jew xi persuna awtorizzata (kemm jekk tkun jew ma tkunx membru ta' l-ekwipaġġ) li tkun meqjusa bħala li tkun nieqsa mill-ġudizzju minħabba f'intossikazzjoni kemm-il darba ma jkunux saru preparamenti speċjali u effettivi għar-riċeviment tagħhom;

(t) ħlief kif permess bil-miktub mid-Direttur, taħt il-proviso illi ma għandu jkun hemm ebda sorsi ta' xegħil, inklużi bastimenti oħra, ġewwa l-area perikoluża ta' bastimenti bħal dawk jew żoni ta' riskju fuq l-art, tul kull żmien li fih ikun qed isir ix-xogħol dettaljat fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, ma hu permess li jsir ebda xogħol ieħor ta' tagħbija jew ħatt għal fuq il-bastiment jew minn fuqu (bħat-teħid jew żbark ta' provvisti, *spare parts,* tagħmir jew *bunkers*);

(u) sa dak iż-żmien li jitlesta x-xogħol dettaljat fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament u sa dak iż-żmien li jiġi provdut lid-Direttur ċertifikat li l-bastiment ikun ħieles mill-gass u/jew inert, kull xogħol bħal dak u kull xogħol ieħor tal-bastiment għandu f'kull ħin ikun taħt il-kontroll ta' uffiċjal responsabbli kwalifikat kif imiss, nominat mill-Kaptan;

(v) matul ix-xogħol speċifikat fis-subparagrafu (u) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, għandu jkun hemm disponibbli l-ħin kollu rappreżentant responsabbli fuq l-art biex jesegwixxi u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu;

(w) rigward aċċess għall-bastiment, tul kull perijodu li fih ikun qed isir ix-xogħol dettaljat fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu mħarsa dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(i) għandu jkun hemm mezz wieħed biss ta' aċċess għall-bastiment;

(ii) ma' dak l-aċċess għandu kontinwament ikun hemm membru ta' l-ekwipaġġ li jkollu mezzi ta' komunikazzjoni viċini u effettivi ma' l-uffiċjal responsabbli inkarigat minn dak ix-xogħol;

(iii) dak l-aċċess għandu jkun qrib l-akkomodazzjoni tal-bastiment kemm jista' jkun u għandu jkun imbiegħed kemm jista' jkun mill-*manifolds* tal-bastiment u ta' fuq l-art;

(iv) il-*gangways* u mezzi oħra ta' aċċess għandhom ikunu provduti b'xibka effettiva ta' sigurezza, armati sewwa, u jkollhom *lifebuoy* b'*lifeline* disponibbli għal-lest. Fil-ħinijiet ta' dlam, dawk il-mezzi ta' aċċess għandhom ikunu mdawwla b'mod effettiv b'mezzi intrinsikament bla periklu;

(x) tul iż-żmien li bastiment jagħmel f'terminal marittimu/faċilità martittima, l-*aerials* tar-radjotrasmissjoni għandhom ikunu *earthed* b'mod effettiv u għandhom jiġu osservati dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:

(i) ma għandux jintuża tagħmir tar-radju, ta' komunikazzjonijiet satelliti, tar-radar u tagħmir ieħor li meta jitħaddem jista' jitfa livelli potenzjalment riskjużi ta' *radiated energy* esternament mill-bastiment, jew li jinvolvi t-tħaddim ta' tagħmir elettriku mhux intrinsikament bla periklu;

(ii) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoni preċedenti, jista' jintuża tagħmir ta' komunikazzjoni installat kif għandu jkun ta' *VHF* u/jew *UHF* ta' installazzjoni fissa, basta li l-*power output* ma jkunx iżjed minn *watt* wieħed;

(iii) ma huma permessi ebda tiswijiet li jinvolvu t-tħaddim ta' xi tagħmir bħal dak mingħajr konsultazzjoni shiħa minn qabel bejn il-Kaptan u r-rappreżentant responsabbli tat-terminal/faċilità u jista' jkun meħtieġ il-ħruġ ta' permess għax-xogħol.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

(3) Kull persuna li tonqos li tħares xi direttiva mogħtija mid-Direttur bis-saħħa tas-setgħat tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat, u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' tanker li ma jkunx iċċertifikat ħieles mill-gass u/jew inert.

25. (1) Tanker vojt minn kull tagħbija ħlief għal *slops* u/jew residwi jista' jidħol il-Port il-Kbir unikament sabiex imur direttament, u bit-tankijiet kollha magħluqin fiż-żgur, għal irmiġġ tat-tnaddif tat-

tankijiet, basta li dak ix-xogħol isir strettament skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti u li ebda tanker ieħor, ħlief kif provdut fir-regolament 27, ma jkun ġewwa l-Port il-Kbir fil-ħin tat-transitu.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn tlett elef lira għal kull reat.

Restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' tanker li jkun iċċertifikat parzjalment hieles mill-gass u/jew inert.

26. Tanker li jkun ġarr tagħbijiet perikoluż u li jkun ikollu t-tankijiet neċessarji kollha ċċertifikati ħielsa mill-gass jew inerti jista', bil-permess espress mil-miktub tad-Direttur, jidħol il-Port il-Kbir biex imur għal faċilità ta' tiswija sabiex isirlu xogħol kontrollat, sakemm kull *slop tank* mhux inertjat li jkun għad fih *slops* ikun ivventilat tajjeb u l-*vent lines* kollha jkunu pożittivament u effettivament iżolati kontra l-fwar minn kull kompartiment ieħor fit-tanker u sakemm ikunu mħarsa l-ħtiġiet l-oħra kollha tar-regolamenti 27, 28 u 29 ta' dawn ir-regolamenti.

Kondizzjonijiet ta' dħul fil-Port il-Kbir għal tanker iċċertifikat għal kollox ħieles mill-gass u/jew inert.

27. Tanker li jkun iċċertifikat li jkun inert għal kollox u/jew ħieles għal kollox mill-gass, jew b'xi kompartimenti ċċertifikati ħielsa mill-gass u l-bqija inerti, jista' jidħol il-Port il-Kbir sabiex imur għal faċilità ta' tiswija, sakemm ikun ukoll sar dan l-iċċekkjar addizzjonali ta' sigurezza minn persuna kompetenti:

(a) il-*gas-tightness* tas-sistema tad-distribuzzjoni ta' gass inert u tat-tankijiet tat-tagħbija tkun ikkonfermata, u li jkun affermat bid-dikjarazzjoni bil-miktub tal-Kaptan, it-tankijiet kienu f'kondizzjoni inerta kontinwament għal mill-inqas 4 sigħat qabel l-ispezzjoni u jibqgħu ħekk tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel fil-Port il-Kbir. F'każijiet eċċezzjonali, id-Direttur jista' japprova perijodi iqsar ta' inertjar minn qabel taħt il-kondizzjoni li l-persuna kompetenti timmonitorja minnufih u ta' spiss l-*I.G. status* sussegwenti ta' dak il-bastiment u tirreġistra d-dettalji kollha ta' dak l-immonitorjar, li għandu jiġi pprovdut lid-Direttur kif meħtieġ;

(b) il-*gas-tight seals* ta' kull apertura tal-kompartimenti tat-tagħbija jkunu effettivi u ssikkati għal kollox;

(ċ) il-*Pressure/Vacuum Breakers* jew mezzi approvati oħra u l-*Pressure/Vacuum Valves* kollha tas-sistema tal-gass inert jkunu jidhru li jkunu qed jiġu miżmuma tajjeb regolament u li għal dawk li jimtlew bil-likwidu, ikun intuża l-fluwidu korrett u jkun inżamm il-livell korrett;

(d) il-livell ta' l-ilma fid-*deck water seal* ikun sodisfaċenti;

(e) kemm l-indikaturi tal-pressjoni ta' gass inert kif ukoll l-*oxygen analysers* fissi u *portable* ikunu ta' tip approvat u jkunu ġew kalibrati sewwa.

Kondizzjonijiet biex joqgħod fil-Port il-Kbir tanker iċċertifikat bieles mill-gass u/jew inert u *checklists*.

28. (1) Tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel f'faċilità ta' tiswija, għandhom jiġu żgurati dawn il-proċeduri li ġejjin minn persuna kompetenti:

(a) kif jasal, għandhom jiġu mimlija ċ-*checklists* rilevanti kif speċifikati fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) qabel ma jinbeda x-xogħol ta' tiswija u mhux anqas minn darba kull 24 siegħa wara dan — iżda f'kull każ minnufih wara li s-sistema tal-pressjoni tat-tank tkun ġiet mimlija b'gass inert — persuna kompetenti akkumpanjata minn uffiċjal responsabbli tal-bastiment għandhom, flimkien, jiċċekkjaw li l-livell ta' l-ossiġenu f'diversi livelli differenti ġewwa sew kull kompartiment inertjat ma jkunx tala' aktar mill-massimu ta' 8% f'dak li hu volum, li l-pressjoni tkun miżmuma f'minimu ta' 100mm fuq il-*water gauge* u li l-livell ta' l-ilma fid-*deck water seal* jibqa' sodisfaċenti;

(ċ) il-*gas-tight seals* ta' l-aperturi kollha tal-kompartimenti tat-tagħbija jibqgħu effettivi u ssikkati għal kollox;

(d) tul iż-żmien kollu li tanker jagħmel fil-Port il-Kbir, ebda spazju inertjat ma jista' jinfetaħ għall-atmosfera ħlief għall-iqsar perijodu meħtieġ biex isir testjar, *ullaging* jew teħid ta' kampjuni ta' l-ossiġenu;

(e) kulmeta jkun meħtieġ, il-faċilitajiet ta' tiswija għandhom jipprovdu provvista kontinwa ta' ilma għad-*deck water seal* u gass inert ta' kwalità adatta minn ġeneratur ta' gass inert ta' fuq l-art. F'kull każ, qabel tinbeda xi tiswija, għandha ssir konnessjoni bejn il-ġeneratur ta' gass inert tal-faċilità u d-*delivery main* ta' gass inert tat-tanker;

(f) il-konnessjonijiet, *cables* u proċeduri kollha użati biex jipprovdu prrovvista addizzjonali ta' l-elettriku lil bastiment minn fuq l-art għandhom ikunu strettament skond il-ħtiġiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, inkluż il-provdiment ta' mezzi approvati f'kull *terminal board* fil-bastiment li miegħu tkun imqabbda provvista ta' l-elettriku minn fuq l-art, sabiex il-provvista minn fuq l-art ma tkunx tista' tiġi mqabbda mas-*switchboard* waqt li tibqa' mqabbda mal-ġeneraturi tal-bastiment;

(ġ) il-permessi għal xogħol bis-sħana, xogħol bil-kiesaħ, xogħol elettriku u l-permessi ta' dħul ma għandux normalment

ikollhom perijodu ta' validità ta' iżjed minn 12-il siegħa. Fil-każ li l-komplessità tax-xogħol meħtieġ tkun tirrikjedi l-ħruġ ta' iżjed minn permess wieħed, wieħed għandu jiżgura li l-ħruġ ta' permess għal xogħol sussegwenti ma jannullax il-kondizzjonijiet ta' sigurezza ta' kull permess maħruġ qabel;

(ħ) fil-każ li għal xi raġuni tkun xi tkun, il-kondizzjonijiet deskritti fil-paragrafi (b) sa (f) ta' dan ir-regolament ma jkunux jistgħu jiġu mantenuti, id-Direttur għandu jiġi nfurmat minnufih mill-persuna nkarigata mix-xogħol u x-xogħol kollu fuq it-tanker għandu jieqaf sa meta dawn il-kondizzjonijiet preskritti jkunu ġew stabbiliti mill-ġdid kif għandhom ikunu. Id-Direttur jista' jordna lit-tanker biex jitlaq mill-Port il-Kbir minnufih.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares xi waħda mid-direttivi mogħtija mid-Direttur fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat, u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Restrizzjonijiet dwar xogħol li jista' jsir fuq tanker fil-kondizzjoni inerta.

29. (1) Xogħol bil-kiesaħ biss jista' jsir fuq tanker li t-tankijiet tiegħu ikunu ċċertifikati fil-kondizzjoni inerta, ħlief li xogħol bis-sħana jista' jsir meta, f'kull każ, ix-xogħol speċifiku permess ikun ġie ħekk awtorizzat minn, u magħmul kollu kemm hu taħt is-sorveljanza fuq kollox ta' persuna kompetenti u f'dik id-distanza ta' bla periklu minn kull area perikoluża abbord jew żona ta' riskju fuq l-art li tkun speċifikata minn dik il-persuna kompetenti matul kull perijodu speċifiku.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares xi waħda mid-direttivi mogħtija mid-Direttur fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat, u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Xogħol ta' ħasil ta' żejt mhux raffinat u ta' tnaddif tat-tankijiet.

30. (1) Tanker jista' jidħol il-Port il-Kbir meta jkun qed iġorr mhux iżjed minn 20,000 *tonnes* ta'tagħbijiet perikoluży volatili, basta li:

(a) imur direttament għall-irmiġġ tat-tnaddif tat-tankijiet;

(b) fil-każ ta' ħasil ta' żejt mhux raffinat, il-kondizzjonijiet inerti speċifikati fir-regoalmenti 27 u 28 jiġu mħarsa strettament tul iż-żmien koilu li t-tanker jagħmel fil-Port il-Kbir.

(2) Ix-xogħol kollu ta' ħasil ta' żejt mhux raffinat u ta' tnaddif tat-tankijiet għandu jsir strettament skond il-ħtiġiet tad-Dokumenti Rilevanti.

(3) Kif jasal fl-irmiġġ tat-tnaddif tat-tankijiet, iċ-*checklists* rilevanti kif speċifikati fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandom jimtlew flimkien ma' l-operatur ta' l-istallazzjoni tat-tnaddif tat-tankijiet.

Kondizzjonijiet li taħthom għandu jieqaf il-ħasil ta' żejt mhux raffinat.

31. Jekk f'xi ħin waqt xogħol ta' ħasil ta' żejt mhux raffinat il-kondizzjonijiet inerti speċifikati fir-regolament 27 u fis-subparagrafi (b) sa (e) tar-regolament 28 ma jkunux jistgħu jiġu sostnuti, id-Direttur għandu jiġi mgħarraf minnufih mill-persuna inkarigata mix-xogħol u l-ħasil ta' żejt mhux raffinat għandu jieqaf sa meta dawn il-kondizzjonijiet preskritti jkunu ġew stabbiliti mill-ġdid kif għandhom ikunu. Id-Direttur jista' jordna lit-tanker biex jitlaq mill-Port il-Kbir minnufih.

Restrizzjonijiet fuq transitu fil-Port il-Kbir.

32. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 25 u 26, tanker li jkun ġarr tagħbijiet perikoluż, iżda li fuqu t-tankijiet għal ħekk ma jkunux iċċertifikati ħielsa mill-gass u/jew inerti, jista' jidħol jew iħalli l-Port il-Kbir f'kull ħin, iżda jekk dak il-moviment isir bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx, ebda moviment ta' bastimenti oħra ma jkun permess f'dak il-ħin.

Xogħol ta' maniġġ ta' sustanzi u ta' saborrar u *checklists*.

33. (1) Ebda bastiment ma jista' jħott jew jittrasferixxi xi sustanzi li ma jkunux jistgħu jiġu mmaniġġati, magazzinati jew imneħħija skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti, mingħajr il-permess bil-miktub tad-Direttur u taħt dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet li huwa jqis li kunu xierqa.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra li tinsab f'dawn ir-regolamenti, il-preparamenti kollha għal u x-xogħol, proċeduri u metodi attwali ta' maniġġ ta' tagħbijiet u/jew ta' saborrar, fuq tagħbijiet perikoluż ġewwa l-ibħra ta' Malta għandhom kontinwament u konsistentement ikunu b'osservanza sħiħa u skond il-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti, b'attenzjoni speċjali għal dawk li jinsabu fl-*ISGOTT* u l-gwidi rilevanti ta' l-*OCIMF*.

(3) Jekk f'xi ħin waqt li jkun qiegħed isir dak ix-xogħol ma tkunx tista' tiġi sostnuta xi ħtieġa tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, f'każ bħal dan ix-xogħol ta' maniġġ tat-tagħbijiet u x-xogħol ta' saborrar għandu jieqaf minnufih u s-sistemi ta' maniġġ ta' tagħbijiet u saborrar, kemm dawk tal-bastiment u dawk ta' fuq l-art, għandhom jingħalqu u d-Direttur għandu jiġi mgħarraf.

(4) Ebda xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet u/jew ta' saborrar ma għandu jerġa' jinbeda qabel ma dawk il-kondizzjonijiet preskritti jkunu ġew stabbiliti mill-ġdid kif għandhom ikunu u kompletament. Id-Direttur jista' f'kull ħin jordna lit-tanker biex jitlaq mill-ibħra ta' Malta.

(5) Qabel il-bidu ta' kull xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet (kif ukoll qabel il-bidu tal-fażijiet separati integrati f'kull biċċa xogħol) għandhom jiġu mimlija ċ-*checklists* u d-dikjarazzjonijiet rilevanti kif speċifikati fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, skond ix-xogħol li jkun sejjer isir.

(6) La ċ-*checklists* ta' flimkien u lanqas id-dikjarazzjonijiet ma għandhom jiġu ffirmati, u lanqas ma għandu jinbeda xi xogħol, qabel ikun hemm assigurazzjoni reċiproka dwar is-sezzjonijiet rilevanti. Ċerti ħwejjeġ ta' fuq iċ-*checklists* ikunu jeħtieġu li jiġu ċċekkjati diversi drabi jew jiġu sorveljati kontinwament tul ix-xogħol kollu ta' maniġġ ta' tagħbijiet u ta' saborrar.

(7) Għar-rigward ta' proċeduri miftiehma li jkunu ppjanati minn qabel għall-maniġġ ta' tagħbijiet, *bunkers* u saborra, jekk jinstab li xi żviluppi sussegwenti jkunu jistgħu jaffettwaw dak ix-xogħol u jkun meħtieġ li jsir tibdil fil-proċeduri miftiehma, dak it-tibdil għandu jiġi diskuss bejn iż-żewġ naħat u għandu jintlaħaq ftehim dwaru qabel isir xi tibdil.

(8) Jekk ikun hemm tibdil sostanzjali x'isir, dan għandu jiġi mniżżel bil-miktub qabel isir xi tibdil fil-proċeduri u f'kull każ fil-perijodu tax-xogħol ta' dawk is-*supervisors* ta' abbord u ta' fuq l-art li fil-perijodu tax-xogħol tagħhom ikun intlaħaq il-ftehim dwar it-tibdil.

(9) Meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' maniġġ ta' numru ta' tagħbijiet perikolużi konkorrentement, għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni l-proprjetajiet tat-tagħbijiet li jkunu se jiġu mmaniġġati, it-tagħmir ta' l-installazzjonijiet ta' fuq il-bastiment u ta' fuq l-art, l-abbiltà ta' l-ekwipaġġ tat-tanker u tal-personal ta' fuq l-art biex jesegwixxu bla periklu u jikkontrollaw b'mod suffiċjenti x-xogħol meħtieġ.

(10) Ebda tanker ma jista' jagħmel xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet fuq tagħbijiet perikolużi fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsamxett, ħlief fuq ilma tas-saborra jew *slops* għall-iżbark f'irmiġġ tat-tnaddif tat-tankijiet, jew ħasil ta' żejt mhux raffinat li jsir skond il-ħtiġiet speċifikati fir-regolament 30.

(11) Ebda tanker ma jista' jagħmel xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet fuq tagħbijiet perikolużi f'xi rmiġġ, *jetty* jew ankraġġ ħlief f'dak il-post li d-Direttur jista' jispeċifika minn żmien għal żmien.

(12) Ma huwa permess ebda trasferiment ta' xi sustanzi għal ġo kontenituri abbord tanker jew fuq *lighters* f'xi port. Id-Direttur jista' madankollu jawtorizza xogħol bħal dak f'kull port, li ma jkunx il-Port il-Kbir, taħt dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet li huwa jqis li jkunu xierqa.

(13) Bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx, tanker jista' jarma jew jiskonnettja manek tat-tagħbija u/jew jagħmel xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet fuq tagħbijiet perikolużi:

Iżda abbord il-bastiment u l-istess fuq l-art għandu jkun hemm provdut dawl approvat adegwat ta' installazzjoni fissa intrinsikament bla periklu, li jkun jaqbel mal-ħtiġiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, sabiex idawwal il-bastiment u l-aċċess għalih meta jkun mal-ġenb ta' rmiġġ.

(14) Kulmeta l-kostruzzjoni ta' tanker tkun tippermetti, għandhom jiġu adottati proċeduri ta' *"closed loading"*.

(15) Kull għatu, *sighting port, sampling port* u *ullaging port* tat-tankijiet tat-tagħbija, għandu jkun magħluq u msakkar qabel jinbeda x-xogħol ta' maniġġ ta' xi tagħbija perikoluża volatili, jew ta' tagħbija perikoluża mhux volatili ġo tankijiet li ma jkunux ħielsa mill-gass, jew ta' saborrar ġo tankijiet li jkun kellhom fihom tagħbija perikoluża volatili ħlief fil-każ ta' ħelsien mill-gass u/jew tisfija.

(16) Qabel il-maniġġ ta' xi tagħbija perikoluża volatili, jew it-tagħbija ta' tagħbija perikoluża mhux volatili ġo tankijiet mhux ħielsa minn gass, jew is-saborrar ġo tankijiet li jkun kellhom fihom xi tagħbija perikoluża volatili, jew l-ivventilar/tisfija ta' tankijiet li jkun kellhom fihom dawk it-tagħbijiet perikolużi volatili, is-sistema ta' l-ivventilar tat-tankijiet tat-tanker għandha tiġi mħejjija għall-biċċa xogħol ikkonċernata.

(17) Meta jkun inbeda xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet jew ta' saborrar, dak ix-xogħol għandu jsir bid-diliġenza dovuta u jekk ma jitkompliex is-sistema tat-tagħbija u t-tankijiet ta' fuq it-tanker għandhom jingħalqu u jissakkru.

(18) Matul ix-xogħol deskritt fil-paragrafu (16) ta' dan ir-regolament, l-*ullage ports*, is-*sighting ports* u s-*sampling ports* għandhom jinfetħu biss għal-iqsar żmien possibbli meħtieġ biex jaqdu xogħolhom u kull apertura tali għandha tkun protetta b'*gauze screens* li jkunu f'kondizzjoni tajba u nadifa, jew b'mezzi approvati oħra.

(19) Matul xogħol ta' tagħbija jew saborrar, il-*pressure/vacuum relief valves* għandhom jew ikunu miftuħa jew *by-passed* u l-*high velocity valves* għandhom jitqiegħdu fil-pożizzjoni ta' tħaddim.

(20) Matul kull xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet, ebda xogħol ta' tiswija fuq is-sistema tal-maniġġ ta' tagħbijiet ma huwa pemess la abbord tanker u lanqas fuq l-art. Jekk tkun meħtieġa dik it-tiswija, għandu jieqaf ix-xogħol kollu, is-sistema tat-tagħbija għandha tingħalaq, il-manek tal-bastiment/art għandhom jiġu skonnettjati u għandhom jinkisbu l-permessi xierqa minghand persuna kompetenti qabel tkun tista' tinbeda dik it-tiswija awtorizzata.

(21) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) sa (20) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tehel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Area ta' periklu.

34. Hlief kif preskritt fir-regolamenti 27 u 28 ta' dawn ir-regolamenti u suġġett għall-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Direttur u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huwa jqis li jkunu xierqa, kull area li tkun tinsab ġewwa invilupp li jagħlaq fih distanza ta' 30 metru minn kull parti ta' bastiment impenjat fuq ix-xogħol speċifikat fil-paragrafu (16) tar-regolament 33, għandha titqies area ta' periklu.

Htiġiet dwar l-adattabilità u t-tħaddim tat-tagħmir għat-trasferiment ta' tagħbijiet u *bunkers*.

35. (1) Il-manek kollha u l-apparat l-ieħor kollu li jintużaw għall-maniġġ ta' tagħbijiet perikoluži għandhom ikunu jaqblu mal-ħtiġiet ta' l-Istrumenti Rilevanti għall-użu li jitqiegħdu għalih.

(2) Qabel u matul kull biċċa xogħol, il-*hose strings* għandhom jiġu assoġġettati għal spezzjoni viżwali bir-reqqa sabiex wieħed jara jekk ikunx hemm xi difetti viżibbli fuq ġewwa jew fuq barra bħalma huma sinjali ta' xi nixi, infih, tekil jew iċċattjar.

(3) Il-manek u apparat ieħor għat-trasferiment ta' tagħbijiet għandu jkollhom indikati fuqhom b'mod ċar u indelibbli l-ogħla *pressure rating* permissibbli u d-data ta' l-aħħar test tal-pressjoni minn faċilità ta' l-ittestjar rikonoxxuta mid-Direttur. It-testijiet għandhom isiru skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur tagħhom f'intervalli li jkunu skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur tagħhom, iżda f'kull każ mhux iżjed minn sena.

(4) Il-manek għandhom ikunu protetti mill-għerik jew ħakk u l-*wires* ta' l-azzar għall-irfigħ ma għandhomx jitħallew jagħmlu kuntatt dirett ma' xi manka.

(5) Il-konnessjonijiet kollha, kemm bejn is-sezzjonijiet tal-manek kif ukoll mill-manek għall-*manifolds*, għandhom isiru b'mod eżatt u perfett u ma għandux jitħalla jkun hemm piż eċċessiv fuq il-*manifold* tat-tanker.

(6) Matul xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet, il-*hose strings* għandhom ikunu aġġustati b'mod li tiġi evitata ġibda żejda fuq il-konnessjonijiet tal-manek jew tal-*manifolds* u li jiġi żgurat li r-*radius* tal-kurvatura tal-manka jibqa' fil-limiti rakkomandati mill-manifattur.

(7) Meta jkunu qed jintużaw *cargo hard arms* b'*couplers* mekkaniċi approvati, il-*flange face* tal-*manifold* tat-tanker għandu jkun lixx u ħieles mis-sadid, sabiex jiġi żgurat għeluq issikkat għal kollox.

(8) Il-*hose strings* u *hard arms* kollha tat-tagħbija li jintużaw għandhom ikunu iffittjati b'*insulating flange* jew tul singolu ta' *non-conducting hose*, biex tiġi żgurata diskontinwità ta' l-elettriku bejn it-tanker u l-art waqt l-ikkonnettjar u skonnettjar.

(9) Tul xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet għandha tinżamm superviżjoni adekwata fil-viċinanza ta' *flexible hoses/hard arms*, kemm abbord it-tanker kif ukoll fl-art, biex jiġi żgurat li f'każ ta' aċċident, it-trasferiment tat-tagħbija jkun jista' jieqaf bla dewmien.

Pipelines/sistemi tat-tagħbija mhux użati.

36. Il-*pipelines* kollha tat-tagħbija u tal-*bunkers* ta' tanker li ma jkunux qed jintużaw għandhom ikunu *blanked* fiż-żgur u għal kollox fil-*manifold*. Il-*pipelines* tat-tagħbija tal-poppa li ma jkunux qed jintużaw għandhom ikunu iżolati mis-sistema prinċipali tal-*pipelines* ta' tanker, 'il quddiem mill-akkomodazzjoni tal-poppa permezz ta' *blanking* jew it-tneħħija ta' *spool piece*.

Scupper plugs.

37. Qabel jinbeda xi xogħol fuq tagħbijiet jew *bunkering* u tul il-perijodu kollu li fih ikun qed isir dak ix-xogħol, l-*iscuppers* u l-aperturi kollha fil-gverti, buk jew *superstructure* tal-bastiment, li jkunu jistgħu iħallu sustanzi joħorġu għal ġol-baħar f'każ ta' inċident, għandhom jingħalqu sewwa u b'mod effettiv.

Drip pans u materjal assorbenti.

38. Tul ix-xogħol kollu li jsir fuq tagħbijiet jew *bunkering*, għandhom jintużaw u jinżammu effettivi *drip pans*, kemm-il darba ma jkunx hemm provdut mezz għar-ritenzjoni permanenti ta' xi nixi ħafif fil-konnessjoni tal-bastiment/art. Provvisti adegwati ta' materjal assorbenti intrinsikament bla periklu approvat għandhom jinżammu disponibbli fil-pront għal użu immedjat f'każ ta' xi nixi ħafif. Wara li jintuża, il-materjal kontaminat għandu jittieħed minnufih għal area ta' bla periklu.

Tnaddif ta' tankijiet.

39. Wara li jkun tlesta x-xogħol fuq tagħbija, ebda tankijiet tat-tagħbija jew tal-*bunkers* tal-bastiment ma jistgħu jinfetħu jew jiġu mnaddfa waqt li l-bastiment ikun fl-ibħra interni jew territorjali, ħlief f'dawk il-postijiet u taħt dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur jista' jawtorizza.

Projbizzjoni ta' dwal mikxufa.

40. Ebda dwal mikxufa ta' kwalunkwe deskrizzjoni ma għandhom ikunu permessi abbord xi biċċa tal-baħar li tkun qed tintuża ġewwa l-portijiet għall-ġarr ta' tagħbijiet perikoluži in massa jew ippakkjati, ħlief li t-tipjip jista' jkun permess f'postijiet definiti bħala nħawi ddikjarati ħielsa mill-periklu.

Trasport ta' tagħbijiet perikoluži bejn il-gżejjer ta' Malta.

41. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma timpedixxi lil bastiment, biċċa tal-baħar jew barkun tal-*bunkers* milli jġorru tagħbijiet perikoluži bejn il-gżejjer ta' Malta, iżda:

(a) għandhom jiġu mħarsa l-prekawzjonijiet u l-ħtiġiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ġarr u l-maniġġ ta' tagħbijiet bħal dawk kif preskritti f'dawn ir-regolamenti u meqjusa applikabbli mid-Direttur;

(b) f'ebda każ ma għandhom il-bastimenti jew bċejjeċ tal-baħar iġorru tagħbijiet perikoluži waqt li jkunu qed iġorru passiġġieri;

(ċ) ebda persuna ma għandha tpejjep abbord xi bastiment tali waqt li jkunu qed jinġarru tagħbijiet perikoluži volatili, ħlief f'postijiet li l-Kaptan ikun stabbilixxa bħala nħawi dikjarati ħielsa mill-periklu għal dak il-għan.

Responsabbiltajiet tal-Kaptan għas-sigurezza.

42. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tittieħed li teħles lill-Kaptan mir-responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu għas-sigurezza tal-bastiment, ta' l-ekwipaġġ u kull persuna li tkun taħdem abbord il-bastiment, tat-tagħbija li tkun qed tinġarr fuq il-bastiment u tal-proprjetà u l-ħajja ta' oħrajn, li tista' tiġi pperikolata mill-bastiment jew it-tagħbija tiegħu.

TAQSIMA III

Braken tal-Provvista ta' *Bunkers* u Bastimenti li Jirċievu *Bunkers*

Barkun tal-*bunkers*.

43. Xogħol ta' kull xorta minn barkun tal-*bunkers* ġewwa l-ibħra territorjali u interni jew portijiet ta' Malta għandu jsir biss permezz ta' barkun tal-*bunkers* bil-liċenza jew awtorizzat.

Prodotti li jistgħu jinġarru.

44. Barkun tal-*bunkers* għandu jġorr *bunkers* biss.

Arei ta' ankraġġ speċifikati għall-provvista ta' *bunkers*.

45. (1) 'Il barra mill-arei tal-portijiet, ix-xogħol ta' provvista ta' *bunkers* għandu jsir biss fl-arei ta' ankraġġ imqiegħda għal ħekk mid-Direttur.

(2) Il-Kaptan ta' barkun tal-*bunkers* għandu, qabel kull

biċċa xogħol proposta għall-provvista ta' *bunkers*, jgħarraf lid-Direttur bl-area speċifika imqiegħda għall-ankraġġ għall-*bunkering* li tkun ġiet indikata minnu lill-bastiment riċeventi biex issir dik il-biċċa xogħol partikolari u ma għandu jinbeda ebda xogħol bħal dak qabel ma tkun ġiet ikkonfermata l-approvazzjoni tad-Direttur.

(3) Il-barkun tal-*bunkers* għandu jieħu postu 'l barra mill-area indikata ta' ankraġġ għall-*bunkering* qabel ma l-bastiment li jkun se jirċievi l-*bunkers* jasal f'dik l-area.

(4) Ir-responsabbiltà ultima għall-għażla ta' xi waħda minn dawk l-arei imqiegħda għall-ankraġġ għall-*bunkering* u għan-navigazzjoni bla periklu tul kull xogħol ta' *bunkering* taqa' unikament fuq il-Kaptan tal-bastiment li jirċievi l-*bunkers*.

Delimitazzjoni tal-konfini.

46. Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi jew iħassar kull ankraġġ ta' area tal-*bunkering*, jew jemenda l-konfini ta' kull ankraġġ ta' area tal-*bunkering*.

Pieni.

47. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 43 u 44 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Road tankers li jissupplixxu *bunkers* ġewwa arei tal-portijiet.

48. (1) Fejn id-Direttur jara li jkun applikabbli, rigward materji li jkollhom x'jaqsmu mal-mod ta' kif isir ix-xogħol, bħall-ittajmjar tax-xogħol, sigurezza, prevenzjoni ta' ħruq u tinġis, tagħmir u manek għall-maniġġ ta' *bunkers*, *road tanker* li jkun qed jissupplixxi *bunkers* lil bastiment jew biċċa tal-baħar ma għandux, waqt li jkun qiegħed ġewwa xi area ta' port, ikun inqas kostrett minn barkun tal-*bunkers* bil-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) *Road tanker* kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, kemm jekk ikun sub-kuntrattat jew le, għandu dejjem jitqies mid-Direttur li jkun għal kollox il-qaddej ta' l-operatur tal-*bunkering* u l-ħtiġiet u l-obbligi kollha meħtieġa minn *road tankers* tali taħt dawn ir-regolamenti huma hekk magħmula inkombenti fuq dawk l-operaturi tal-bunkering.

Bunkering fuq kosta kennija.

49. (1) Kull xogħol ta' *offshore bunkering* għandu jsir fuq il-kosta kennija.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

50. Barkun tal-*bunkers* ma għandu f'ebda ħin jankra fl-ibħra ta' Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-Direttur. Restrizzjonijiet fuq braken tal-*bunkers* li jankraw fl-ibħra ta' Malta.

51. (1) Barkun tal-*bunkers* ma għandux imur mal-ġenb ta' barkun ieħor jew bastiment wara nżul ix-xemx, mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa minn qabel tad-Direttur. Restrizzjonijiet fuq xogħol fil-ħinijiet ta' dlam.

(2) Jekk xi xogħol ta' *bunkering* ikun se jiġbed għal wara nżul ix-xemx, id-Direttur għandu jiġi mgħarraf mill-Kaptan tal-barkun tal-*bunkers* minnufih li wieħed jara din il-possibbiltà u għandha tintalab awtorizzazzjoni espressa minn qabel mingħand id-Direttur sabiex ix-xogħol jitkompla wara nżul ix-xemx. Jekk dik l-awtorizzazzjoni ma tinkisibx, il-barkun tal-*bunkers* għandu jinqala' u jitbiegħed mill-bastiment riċeventi qabel inżul ix-xemx.

52. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 45, 50 u 51 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull reat. Pieni.

53. Kull bastiment li jitlob biex jidħol f'port jew ibħra territorjali ta' Malta sabiex jirċievi *bunkers* għandu jipprovdi, fil-ħinijiet normali tax-xogħol, avviż bil-quddiem tal-wasla tiegħu lid-Direttur kif preskritt fir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti. Avviż bil-quddiem tal-wasla ta' bastiment biex jirċievi *bunkers*.

54. Ġewwa l-portijiet ta' Malta, xogħol ta' *bunkering* għandu jsir biss f'Marsaxlokk, Marsamxett, il-Port il-Kbir u l-Imġarr, Għawdex u f'dawk il-portijiet jew postijiet oħra biss li jistgħu jiġu ħekk awtorizzati mid-Direttur minn żmien għal żmien. Arei ta' *bunkering* fil-portijiet.

55. Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra li tinsab f'dawn ir-regolamenti, is-sid u l-Kaptan ta' barkun tal-*bunkers* għandhom jiżguraw li kull tagħmir, xogħol, proċedura u metodu ta' xogħol ta' minn bastiment għal ieħor ikunu jaqblu għal kollox mal-ħtiġiet kollha mniżżla fl-Istrumenti Rilevanti, waqt li tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-ħtiġiet li jinsabu fix-"*Ship to Ship Transfer Guide*" ta' l-*OCIMF* u lil dawk id-dispożizzjonijiet li d-Direttur jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien. Ħtiġiet ġenerali.

56. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 54 u 55 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat. Pieni.

57. Iċ-*checklists* rilevanti, kif dettaljati fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, għandhom jimtlew kompletament u b'mod eżatt *Checklists.*

mill-Kaptani tal-bastiment li jirċievi l-*bunkers* u l-barkun tal-*bunkers* qabel tinbeda kif ukoll f'kull stadju integrali ta' kull biċċa xogħol ta' *bunkering*. Dawn iċ-*checklists* mimlijin għandhom jiġu ppreżentati lid-Direttur fil-ħinijiet normali tax-xogħol mill-Kaptan tal-barkun tal-*bunkers* mat-tlestija ta' kull biċċa xogħol ta' *bunkering*.

Il-braken tal-*bunkers* għandhom ikunu lesti biex jitilqu mill-irmiġġ.

58. Il-braken tal-*bunkers* għandhom ikunu ekwipaġġati, kif meħtieġ mid-Direttur, fuq bażi ta' 24 siegħa u għandhom jinżammu lesti biex jitilqu mill-irmiġġ fi żmien qasir.

Irmiġġar.

59. Meta barkun tal-*bunkers* ikun sejjer mal-ġenb ta' rmiġġ, ebda membru ta' l-ekwipaġġ ma jista' jinżel l-art biex jilqa' l-irbit u f'kull każ għandu jkun hemm diġà persunal fuq l-art biex jimmaniġġa l-irbit.

Scupper plugs tal-bastiment li jirċievi l-*bunkers*.

60. Il-Kaptan tal-barkun tal-*bunkers* għandu jkun responsabbli li jistabbilixxi u jiżgura li l-ħtiġiet kollha preskritti fir-regolament 37 ta' dawn ir-regolamenti jiġu osservati mill-bastiment li jirċievi l-*bunkers*.

Pieni.

61. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 57 u 60 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull reat.

Provvista ta' *multi-grade bunkers*.

62. Minkejja kull ħtieġa oħra li tinsab f'dawn ir-regolamenti, ma għandux isir forniment simultanju ta' *multi-grade bunkers*, kemm jekk b'barkun, *road tanker*, jew it-tnejn, kemm-il darba ma tkunx inkisbet minn qabel l-awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub tad-Direttur.

Mobilizzazzjoni ta' emerġenza.

63. Tul iż-żmien kollu li jkun qed isir xogħol ta' provvista ta' *bunkers*, kemm il-barkun tal-*bunkers* kif ukoll il-bastiment riċeventi għandhom josservaw għal kollox il-ħtiġiet li jinsabu fis-subparagrafi (n) u (o) tal-paragrafu (1) tar-regolament 24 ta' dawn ir-regolamenti.

Prerekwiżiti għas-sidien ta' braken tal-*bunkers*.

64. (1) L-Awtorità għandha biss tikkonsidra l-ħruġ ta' liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza biex barkun tal-*bunkers* ikun jista' jopera ġewwa l-ibħra ta' Malta wara li jkunu ġew osservati għal kollox dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) is-sid ta' l-imsemmi barkun għandu jgħarraf bil-miktub lid-Direttur illi huwa jkun kiseb *cover* ta' assigurazzjoni, mingħand assiguratur rikonoxxut mill-Awtorità, rigward ir-responsabbiltà għal ħsara ta' terzi persuni, ħsara mit-tinġis ta' l-ambjent marittimu u tneħħija ta' tinġis, għal ammont aċċettabbli mill-Awtorità;

(b) is-sid għandu jipprovdi lid-Direttur b'kopja ta' dak il-*cover* ta' assigurazzjoni, inklużi l-kondizzjonijiet, l-eċċezzjonijiet u l-esklużjonijiet kollha imposti fuq dak il-*cover*;

(ċ) jekk jiġi approvat mid-Direttur, dak il-*cover* approvat għandu jinżamm intatt tul iż-żmien kollu li l-barkun iservi bħala barkun tal-*bunkers* liċenzat jew awtorizzat;

(d) minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu, id-Direttur jista' f'kull żmien jeħtieġ li jsir tibdil jew li jsiru supplimenti għal dak il-*cover* u kull ħtieġa bħal dik għandha tiġi implimentata mis-sid mingħajr dewmien;

(e) minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu, fil-każ li xi tibdil f'dak il-*cover* approvat jiġi sussegwentement propost jew mill-assiguratur u/jew mis-sid, dan it-tibdil propost għandu jiġi kollu kemm hu notifikat bil-miktub lid-Direttur għall-konsiderazzjoni tiegħu u ebda tibdil propost bħal dak ma għandu jsir jekk ma jkunx ġie hekk awtorizzat bil-miktub mid-Direttur;

(f) barkun ta' dawk id-dimensjonijiet jew tunnellaġġi kif speċifikati fl-Istrumenti Rilevanti, jew li jistgħu jiġi stabbiliti mid-Direttur minn żmien għal żmien, għandu jkun fi klassi ma' *Classification Society* rikonoxxuta mill-Awtorità, bla ebda rakkomandazzjoni jew eżenzjoni għall-Klassi tiegħu. Dak l-i*status* ta' Klassi għandu jibqa' validu l-ħin kollu;

(ġ) barkun ta' dawk id-dimensjonijiet jew tunnellaġġi kif speċifikati fl-Istrumenti Rilevanti, jew li jistgħu jiġu stabbiliti mid-Direttur minn żmien għal żmien, għandu jkollu ċertifikat approvat u validu ta' l-*IOPP* maħruġ minn *Classification Society* rikonoxxuta mill-Awtorità. Dak l-i*status* ta' ċertifikat ta' l-*IOPP* għandu jibqa' validu l-ħin kollu;

(ħ) barkun għandu jkun skond dawk il-ħtiġiet kif speċifikati fl-Istrumenti Rilevanti għad-dimensjonijiet jew tunnellaġġi tiegħu, jew kif id-Direttur jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien;

(i) is-sid tal-barkun għandu jidħol f'arranġament ma' organizzazzjoni speċjalizzata, rikonoxxuta mill-Awtorità, għall-provdiment ta' servizz '*on call*' effettiv għall-kontroll u t-tneħħija minnufih, kemm minn fuq il-baħar kif ukoll minn fuq l-art, ta' kull konsegwenza potenzjali tax-xogħol l-aktar riskjuż għall-ambjent li jkun jista' jsir;

(j) is-sid tal-barkun għandu jipprovdi lid-Direttur bid-dettalji sħaħ bil-miktub ta' dik l-organizzazzjoni, l-istima tal-*lead-time* tagħha biex tqiegħed it-tagħmir u l-persunal meħtieġ fuq is-

sit f'xi inċident potenzjali ta' tinġis u d-dettalji sħaħ tal-limitu tas-servizzi, tagħmir u persunal espert li jkollha minnufih disponibbli, kif miksuba mis-sid mingħand dik l-organizzazzjoni;

(k) jekk id-Direttur japprova dik l-organizzazzjoni u l-limitu tas-servizzi miksuba, dawn għandhom jibqgħu validi l-ħin kollu;

(l) minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (k) ta' dan il-paragrafu, id-Direttur jista' f'kull żmien jeħtieġ li jsir tibdil f'dawk is-servizzi miksuba jew f'dik l-organizzazzjoni u kull tibdil meħtieġ bħal dak għandu jiġi implimentat mingħajr dewmien mis-sid tal-barkun tal-*bunkers*;

(m) minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (k) ta' dan il-paragrafu, fil-każ li xi tibdil f'dak is-servizz miksub jew f'dik l-organizzazzjoni jiġi propost mis-sid lid-Direttur, dak it-tibdil propost ma għandux isir kemm-il darba ma jkunx ġie hekk approvat mid-Direttur;

(n) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu jipprovdi lid-Direttur b'kopji tas-*Certificates of Competency, Dangerous Cargo Endorsements* u *Records of Sea Service* tal-Kaptan u l-membri ta' l-ekwipaġġ magħżula;

(o) id-Direttur għandu jippreskrivi lis-sid tal-barkun il-ħtiġiet minimi għal-livelli ta' ekwipaġġar, ċertifikati professjonali, *Dangerous Cargo Endorsements* jew esperjenza rilevanti ta' tankers, meħtieġa mill-Kaptan u l-ekwipaġġ. Dawn il-ħtiġiet għandhom jibqgħu validi l-ħin kollu;

(p) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* ma għandux jissostitwixxi jew jibdel xi Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ jew jirriduċi n-numru ta' l-ekwipaġġ kemm-il darba ma jkunux ġew provduti d-dokumenti meħtieġa fis-subparagrafu (n) ta' dan il-paragrafu u kemm il-darba ma tkunx inkisbet l-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Ħtiġiet ġenerali dwar ir-riżorsi, l-amministrazzjoni u l-proċeduri tax-xogħol.

65. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra li tinsab f'dawn ir-regolamenti, is-sid u l-Kaptan ta' barkun tal-*bunkers* għandhom jiżguraw li kull xogħol ta' provvista ta' *bunkers* isir b'osservanza sħiħa tal-ħtiġiet kollha stabbiliti fl-Istrumenti Rilevanti, li jinkludu:

(a) matul kull xogħol ta' *bunkering* f'xi area ta' port, għandhom jiġu skjerati b'mod eżatt u effettiv *containment booms* ta' daqs u *range* li jkunu jistgħu jaħlqu fihom b'mod effettiv kull tixrid ta' żejt li jista' jirriżulta minn dak ix-xogħol;

(b) meta jittieħed xogħol bħal dak f'moll jew *jetty 'open face', containment booms* addizzjonali ta' daqs u *range* adegwati għandhom jiġu skjerati mal-ġenb ta' dak il-moll jew *jetty* mill-barkun tal-*bunkers*, hekk li effettivament ma jitħalliex ikun hemm ingress ta' xi tixrid potenzjali ta' żejt;

(ċ) meta jsir xogħol ta' *bunkering* f'port, għandhom jiġu skjerati b'mod effettiv "*Fence booms*" adegwati fil-pruwa u fil-poppa, bejn il-barkun u l-bastiment riċeventi, sabiex jaħlqu fihom kull tixrid possibbli ta' żejt;

(d) kull tixrid ta' żejt jew difett aċċidentali ta' xi tagħmir li jista' jkabbar ir-riskji normali ta' tinġis għandu jiġi rrapurtat minnufih lid-Direttur;

(e) matul kull xogħol ta' *bunkering*, il-barkun tal-*bunkers* għandu jkollu abbord provvisti adegwati ta' materjal assorbenti u *oil dispersants* approvati li jkunu disponibbli għal-lest u minnufih, iżda l-*oil dispersants* għandhom jiġu skjerati biss bil-permess tad-Direttur, wara li jkunu ttieħdu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' kull każ;

(f) dgħajsa bil-mutur għandha tinġarr abbord il-barkun tal-*bunkers* mgħammra bi provvisti biżżejjed ta' *oil dispersant* u mezzi effiċjenti għall-applikazzjoni tiegħu, sabiex tipprovdi kontroll "ta' l-ewwel għajnuna" effettiv tat-tinġis;

(ġ) id-dgħajsa deskritta fis-subparagrafu (f) ta' dan il-paragrafu għandha tkun tista' tiġi varata b'ħeffa u fil-pront f'kull ħin waqt xogħol ta' *bunkering* u kemm id-dgħajsa kif ukoll il-makkinarju ta' propulsjoni u t-tagħmir ta' l-*oil dispersant* tagħha għandhom jinżammu fl-ogħla livelli ta' thejjija għall-użu;

(ħ) kull tagħmir u manek ta' barkun għat-trasferiment ta' *bunkers*, kull tagħmir tan-navigazzjoni, ta' sigurezza u ta' prevenzjoni/kontroll ta' tinġis għandhom dejjem jinżammu fi stat tajjeb ta' thaddim u l-Kaptan u l-ekwipaġġ għandhom ikunu imħarrġa sewwa fl-użu u l-pożizzjonar effettiv tagħhom;

(i) il-manek kollha u kull apparat ieħor li jintuża għal xogħol ta' *bunkering*, il-mod ta' kif dawn jithaddmu u ċ-ċertifikazzjoni

meħtieġa għalihom għandhom ikunu strettament skond il-ħtiġiet tal-paragrafi (1) sa (6) u (8) u (9) tar-regolament 35 ta' dawn ir-regolamenti;

(j) fil-ħinijiet kollha li fih ikun qed isir xogħol ta' *bunkering* ġewwa xi port, għandhom jiġu provduti mis-sid tal-barkun tal-*bunkers* u għandhom jinżammu lesti għal użu immedjat kif meħtieġ tipi u kwantitajiet adegwati ta' *spill-removal skimmers* approvati mid-Direttur, li jkunu suffiċjenti biex b'mod effettiv ineħħu kull tixrid potenzjali li jiġi minn xi xogħol ta' *bunkering*;

(k) fil-ħinijiet kollha li fih ikun qed isir xogħol ta' *bunkering* ġewwa xi area ta' port, għandhom jiġu provduti mis-sid tal-barkun tal-*bunkers* u għandhom jinżammu lesti għal użu immedjat kif meħtieġ tankijiet temporanji ta' emerġenza li jistgħu jinġarru tat-tipi u volumi adegwati approvati mill-Awtorità biex fihom jinħażen it-tixrid ;

(l) kull tagħmir mekkaniku għall-prevenzjoni/kontroll ta' tniġis u l-anċillarji tat-tħaddim bħalma huma pompi, kumpressuri, *hydraulic power packs* u *motivating units*, għandhom jiġu ttestjati f'intervalli regolari ta' mhux iżjed minn tlett xhur;

(m) għandhom jiġu mħejjija u implimentati kif għandu jkun mis-sid tal-barkun tal-*bunkers* skemi ta' manutenzjoni ppjanati effettivi, approvati mid-Direttur, sabiex jiġi żgurat li t-tagħmir kollu għall-prevenzjoni/kontroll ta' tniġis jinżamm kontinwament fi stat tajjeb ta' tħaddim. Dawn l-iskemi għandhom jinkludu '*aide-memoire*' taċ-*checklists* għall-użu tal-persunal kollu li jkollu x'jaqsam ma' l-użu u l-manutenzjoni ta' dak it-tagħmir u ta' dawk is-sistemi;

(n) l-iskemi ta' manutenzjoni ppjanati, speċifikati fis-subparagrafu (m) ta' dan il-paragrafu, u d-*data* ta' rutina kif ukoll dik ta' manutenzjoni eċċezzjonali għandhom jiġu mniżżla fid-dettall u għandhom jinżammu disponibbli fil-pront għall-ispezzjoni tad-Direttur;

(o) kull mezzi *degradable* għall-prevenzjoni/kontroll ta' tniġis imsemmija f'dan ir-regolament għandhom jiġu ttestjati regolarment, mhux inqas minn f'intervalli bi-annwali, sabiex tiġi stabbilita l-effikaċja kontinwa tagħhom:

Iżda, ħames snin mid-data tal-manifattura tal-mezzi msemmija, l-ittestjar ta' kampjuni rappreżentattivi għandu jsir annwalment f'faċilitajiet laboratorji rikonoxxuti mid-Direttur, għall-ksib ta' ċertifikat li dawk il-mezzi jkunu baqgħu effettivi;

(p) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu jiżgura li numru adegwat mill-persunal ikun imħarreġ għal kollox minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Awtorità fil-maniġġ, użu u applikazzjoni b'mod effettiv ta' kull tagħmir u mezzi għall-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis sabiex wieħed jiżgura li jkun hemm maħsub għal kollox u b'mod effettiv għall-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis fil-ħinijiet kollha li fihom ikun qed isir xogħol ta' *bunkering*;

(q) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu wkoll jiżgura li l-persunal imsemmi fis-subparagrafu (p) ta' dan il-paragrafu jieħu *refresher courses* f'intervalli rakkomandati minn dawk l-organizzazzjonijiet;

(r) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu jħejji pjanijiet ta' kontinġenza effettivi għall-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis li jkunu jkopru l-inċidenti ta' l-akbar riskju għall-ambjent li jistgħu jiġru waqt ix-xogħol ta' forniment ta' *bunkers* lil bastimenti oħra jew waqt li jkunu qed jiġu riċevuti ħażniet ta' *bunkers* f'terminal tal-*bunkers*;

(s) fil-pjanijiet imsemmija fis-subparagrafu (r) ta' dan il-paragrafu għandha tittieħed konsiderazzjoni kemm tar-riżorsi tas-sid tal-barkun tal-*bunkers* kif ukoll ta' dawk tas-servizzi ta' emerġenza relatati lokali u l-koperazzjoni tagħhom;

(t) is-sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu jmexxi, għall-inqas bi-annwalment, *drills* ta' azzjoni f'każ ta' tinġis, approvati mid-Direttur, bl-użu tar-riżorsi u l-persunal tiegħu stess, waqt li attwalment juża jew jittestja kull tagħmir, faċilità u sistema bil-persunal speċifikat kif ukoll dak alternat;

(u) kull sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu wkoll jipparteċipa fil-manuvri ta' azzjoni f'każ ta' tinġis li jistgħu jiġu organizzati mid-Direttur minn żmien għal żmien flimkien ma' aġenżiji u servizzi oħra kkonċernati;

(v) id-Direttur jista' jissospendi jew jirrifjuta t-tiġdid ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ta' barkun tal-*bunkers* jekk xi wieħed minn dawn l-oġġetti ta' tagħmir abbord barkun li jkun qed jissupplixxi *bunkers* jinsab nieqes, ma jaħdimx, jew mhux adegwat, sak dak iż-żmien li fih jiġu rrettifikati defiċjenzi bħal dawn għas-sodisfazzjon tad-Direttur:

(i) Boxxla;

(ii) Radar;

(iii) *Echo Sounder*;

(iv) *Rudder Angle Indicator*;

(v) Lampa tas-Sinjali ta' bi nhar;

(vi) Barometru;

(vii) Termometru;

(viii) Inklinometru;

(ix) Binokli;

(x) iċ-*charts* kollha disponibbli għall-ibħra ta' Malta;

(xi) għall-anqas żewġ *high* jew *low pressure fenders* miżmuma sewwa u adegwati għax-xogħol maħsub;

(xii) żewġ ġeneraturi ta' l-elettriku, kull wieħed minnhom ta' *rated output* suffiċjenti biex jissupplixxi l-ħtiġiet kollha tax-xogħol tal-barkun tal-*bunkers*, għandhom ikunu fi stat tajjeb ta' funzjonament matul kull perijodu li fih ikun qed isir xogħol ta' *bunkering*;

(xiii) kull ħaġa speċifikata fis-subparagrafu (ħ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(2) L-iskjeramenti u l-provvedimenti meħtieġa taħt il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu dokumentati fid-dettall biex jiġu spezzjonati mid-Direttur.

Ħtiġiet applikabbli oħra.

66. Kull Kaptan jew sid ta' barkun tal-*bunkers* għandu, meta jkun qiegħed jissupplixxi *bunkers* jew jgħabbi ħażniet ta' *bunkers*, jew waqt li jkun qiegħed ġewwa xi area perikoluża jew żona ta' riskju, josserva l-ħtiġiet applikabbli l-oħra kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti, b'attenzjoni speċjali għal dawn li ġejjin:

(a) is-subparagrafi (a), (d), (ħ) sa (l) u (n) sa (t) tal-paragrafu (1) tar-regolament 24;

(b) il-paragrafi (2) sa (8) u (20) tar-regolament 33;

(ċ) il-paragrafi (1) sa (6), (8) u (9) tar-regolament 35;

(d) ir-regolamenti 36, 38 u 40.

Permessi għax-xogħol.

67. Ebda permess għal xogħol ma huwa meħtieġ li jinkiseb minn xi Kaptan ta' barkun tal-*bunkers* , li f'dak il-ħin ma jkun jagħmel ebda xogħol ta' *bunkering*, kemm-il darba dak ix-xogħol ma jkunx jinvolvi "xogħol bis-sħana". Qabel issir applikazzjoni għal *"hot work permit"*, id-Direttur għandu jiġi infurmat.

68. Kull persuna li tonqos li thares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 65 u 66 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat. Pieni.

69. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tittieħed li teħles lill-Kaptan mir-responsabbiltà u l-obbligu tiegħu, speċjalment rigward il-ħajja u l-proprjetà ta' oħrajn, l-ekwipaġġ u kull persuna oħra abbord, l-ambjent marittimu, il-barkun tal-*bunkers* u t-tagħbija. Responsabbiltà u obbligu tal-Kaptan.

TAQSIMA IV

Terminals u Faċilitajiet Marittimi

70. L-operaturi ta' terminal marittimu/faċilità marittima għandhom jipprovdu lid-Direttur, minn żmien għal żmien, għal użu eklussiv u konfidenzjali, dettalji sħaħ u informazzjoni aġġornata dwar is-sigurezza u l-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis, inkluża informazzjoni rilevanti dwar l-eżekuzzjoni tax-xogħol, riżorsi ta' tagħmir u persunal, proċeduri, *policies* u pjanijiet ġenerali u speċifiċi dwar it-tifi ta' nirien, emerġenzi u prevenzjoni/kontrol ta' tinġis. Provdiment ta' informazzjoni mit-terminals u faċilitajiet marittimi.

71. B'żieda għall-informazzjoni dwar is-sigurezza u l-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis imsemmija fir-regolament 70, għandha tiġi wkoll provduta lid-Direttur din l-informazzjoni li ġejja minn dawk l-operaturi: Ħtiġiet dwar l-informazzjoni.

(1) dettalji ġenerali sħaħ ta':

(a) il-pjanti tal-*layout* tat-tagħmir li jkollhom x'jaqsmu max-xogħol ta' l-aktar riskju għas-sigurezza u għall-ambjent li jkun ittieħed jew ikun ser jittieħed f'dak it-terminal marittimu jew f'dik il-faċilità marittima;

(b) il-proċeduri ta' rutina għall-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis u t-tagħmir kemm ġewwa t-terminal/faċilità u kif meħtieġ mill-operatur tat-terminal/faċilità li jkun abbord bastimenti jew braken tal-*bunkers* li jutilizzaw il-faċilitajiet tiegħu;

(ċ) l-*operations manual*;

(d) l-*operations checklists*;

(e) il-programmi ta' taħriġ kollha għas-sigurezza u l-prevenzjoni/kontroll ta' tinġis provduti lill-persunal;

(f) il-proċeduri ta' emerġenza preskritti kollha;

(ġ) id-*data records* tal-bastiment dwar inċidenti u *turnaround reports*;

(ħ) *manning schedules* ta' rutina u eċċezzjonali;

(i) pjanti tal-*layouts* ġenerali tat-terminal/faċilità;

(j) ir-regolamenti tat-terminal/faċilità;

(k) deskrizzjonijiet ta' arei problematiċi magħrufa fit-terminal/faċilità;

(l) lista tal-*Marine maintenance work orders*;

(m) proċeduri preventivi ta' manutenzjoni u spezzjoni;

(n) il-mezzi u l-proċeduri provduti mit-terminal jew faċilità għal kommunikazzjoni effettiva bejn il-persuni kkonċernati kollha, waqt it-transitu ta' bastiment għal u minn irmiġġi jew ankraġġi, f'irmiġġi jew ankraġġi u waqt xogħol ta' maniġġ ta' tagħbijiet/COW/tnaddif ta' tankijiet u xogħol ta' *bunkering*;

(o) iċ-*chart* ta' organizzazzjoni tat-terminal marittimu/faċilità marittima;

(2) għar-rigward ta' faċilitajiet disponibbli għal kull irmiġġ ankraġġ jew *jetty*, id-dettalji kollha ta':

(a) in-numru ta' ankraġġi, *jetties* jew irmiġġi disponibbli;

(b) id-daqsijiet massimi u minimi ta' bastimenti li għalihom ikun ġie maħsub kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(ċ) il-fond attwali massimu u minimu ta' l-ilma li jkun hemm f'kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(d) is-sistemi tat-trasferiment ta' tagħbijiet provduti f'kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(e) ix-xorta u l-volumi tal-prodotti li jkunu attwalment qed jiġu mmaniġġati f'kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty* u x-xorta u l-volumi tal-prodotti li għalihom kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty* jkun ġie maħsub biex jimmaniġġa;

(f) il-*product slates* għal kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(ġ) il-*layout* ġenerali ta' kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(ħ) il-kostriġementi ambjentali maħsuba u attwali għal kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*, inkluż ir-riħ, l-istat tal-baħar, eċċ;

(3) għar-rigward ta' *layouts* ta' ankraġġi, id-dettalji kollha ta':

(a) il-*mooring loads* massimi maħsuba u n-numru permissibbli ta' linji għal kull ganċ, bitta jew ankraġġ;

(b) il-kostriġementi fiżiċi maħsuba u attwali għal kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*, inklużi:

(i) l-*LOA* u l-wisa' massimi tal-bastiment;

(ii) il-*freeboard* minimu u massimu;

(iii) id-*deadweight displacement*;

(iv) il-pożizzjoni tat-*transfer manifold(s)*;

(v) l-angolu, id-direzzjoni u l-veloċità ta' avviċinar għal xogħol ta' irmiġġar jew ta' ankraġġ;

(ċ) rapporti ta' ħsara dwar kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(4) għar-rigward ta' trasferiment ta' tagħbijiet, id-dettalji kollha ta':

(a) il-limiti ambjentali tat-tagħmir bħalma huma *hard-arms* u bomi, eċċ.;

(b) l-inviluppi operattivi għall-*hard-arms*, bomi, eċċ. inklużi l-limiti ta' *drift* u *surge*;

(ċ) il-proċeduri u l-possibbiltajiet għall-maniġġ simultanju ta' tagħbijiet u/jew saborrar li ta' rutina jitmexxew jew ikunu disponibbli f'kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*;

(d) il-kriterji tal-konnessjonijiet tal-*manifolds*;

(e) il-*flow rates,* it-temperatura u l-pressa li bihom jiġu ta' rutina mmanniġati sustanzi u l-limiti maħsuba tas-sistema tat-trasferiment rigward dawk il-materji;

(f) l-ispeċifikazzjonijiet tal-manek tat-tagħbija;

(ġ) il-kriterji u r-*records* ta' l-ittestjar u l-ispezzjonar tal-manek;

(ħ) l-istruzzjonijiet dwar it-tħaddim tal-*hard-arms*/manek, inkluża s-sistema ta' *drift and surge detection* u *emergency release*;

(i) il-kriterji tas-sistemi ta' protezzjoni kontra *over-pressure* u ta' l-ispezzjonar tagħhom;

(5) għar-rigward tal-prevenzjoni ta' tinġis, id-dettalji kollha ta':

(a) kull rapport ta' inċident storiku;

(b) il-pjanijiet u t-tagħmir għat-tneħħija ta' tixrid;

(ċ) id-dettalji tas-sistema tax-*shut-down* ta' emerġenza bħalma huma l-kriterji tar-*remotely operated block valves, check valves,* allarmi u ttestjar/spezzjonar;

(d) iċ-*checklist* tal-prevenzjoni ta' tinġis;

(e) il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' tinġis kemm għal xogħol li jsir fit-terminal/faċilità u fl-ankraġġi, l-irmiġġi u l-*jetties* tat-terminal/faċilità, mill-operatur, jew minn braken tal-*bunkers* ta' terzi persuni li jiġu mhollija jużaw dawk il-faċilitajiet għal xogħol ta' *bunkering* mill-operatur;

(6) għar-rigward tas-sigurezza, id-dettalji kollha ta':

(a) is-sistemi, proċeduri u metodi ta' sorveljanza u ta' sigurtà ta' l-irmiġġ, *jetty* u terminal/faċilità;

(b) iċ-*checklists* ta' sigurezza;

(ċ) il-mezzi ta' tluq mill-irmiġġi jew *jetties* ta' terminal/faċilità (speċjalment f'każ ta' emerġenza);

(d) it-tagħmir għat-tifi ta' nirien, inkluż in-numru u l-lok ta' *monitors, hydrants* u *portable extinguishers* u r-rati maħsuba ta' fluss u pressa għas-sistemi tal-*foam* u ta' l-ilma;

(e) it-tagħmir ta' salvataġġ u ta' protezzjoni għall-persunal;

(f) it-tħejjijiet ta' kontinġenza għat-trattament effettiv ta' inċidenti u emerġenzi ta' ħruq u ta' sigurezza, fl-ankraġġi, irmiġġi jew *jetties* tat-terminal/faċilità, jew abbord barkun tal-*bunkers* ta' terzi persuni li l-operatur iħalli juża t-terminal jew faċilità tiegħu.

Pieni.

72. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolament 71 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tehel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull reat.

Prerekwiżiti ta' assigurazzjoni għall-operaturi ta' terminals marittimi jew faċilitajiet marittimi.

73. Id-Direttur għandu jikkonsidra li joħroġ jew iġedded liċenza lil terminal marittimu/faċilità marittima bħala operatur tal-*bunkering* biss meta jkunu ġew osservati għal kollox il-ħtiġiet tas-subparagrafi (a) sa (e) tal-paragrafu (1) tar-regolament 64 ta' dawn ir-regolamenti.

Ħtiġiet ġenerali għall-kontroll u t-tneħħija ta' tniġis.

74. (1) Id-Direttur għandu jikkonsidra li joħroġ jew iġedded liċenza lil terminal marittimu/faċilità marittima bħala operatur tal-*bunkering* biss meta jkunu ġew provduti għal kollox mill-operatur u jkunu ġew approvati mid-Direttur it-tagħmir, ir-riżorsi, il-persunal imħarreġ u l-proċeduri approvati, għal kull konsegwenza potenzjali tax-xogħol ta' l-akbar riskju għall-ambjent li jkun jista' jsir f'dak il-post.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jekk dak l-operatur ma jkunx jista' huwa stess jaqdi dawk il-ħtiġiet għas-sodisfazzjoni tad-Direttur, dak l-operatur għandu f'każ bħal dan josserva minnufih il-ħtiġiet tas-subparagrafi (i) sa (m) tal-paragrafu (1) tar-regolament 64 ta' dawn ir-regolamenti.

Ħtiġiet ġenerali ta' emerġenza u ta' tifi ta' nirien.

75. Id-Direttur għandu jikkonsidra li joħroġ jew iġedded liċenza lil operatur tal-*bunkering* ta' terminal marittimu/faċilità marittima biss meta r-riżorsi għat-tifi ta' nirien u ta' emerġenza, il-persunal imħarreg u l-proċeduri approvati għal kull konsegwenza potenzjali tax-xogħol ta' l-akbar riskju għall-ambjent li jkun jista' jsir f'dak il-post ikunu ġew provduti għal kollox mill-operatur u approvati mid-Direttur.

Ħtiġiet u riżorsi ġenerali għax-xogħol.

76. Operatur ta' terminal marittimu/faċilità marittima għandu jobbliga ruħu u lill-impjegati tiegħu kollha, *in solidum,* li josservaw il-ħtiġiet kollha ta' l-Istrumenti Rilevanti b'enfażi speċjali għal dan li ġej:

(a) operatur, meta jidħol għal xogħol li jinvolvi t-trasferiment minn bastiment għal terminal, minn terminal għal bastiment jew minn bastiment għal bastiment f'faċilitajiet ta' terminal ta' tagħbijiet perikoluż jew *bunkers* fornuti minn jew permessi mill-operatur li jiġu fornuti minn terzi persuni f'faċilitajiet ikkontrollati minn dak l-operatur jew xogħol ta' *COW* jew ta' tnaddif tat-tankijiet ta' bastiment, għandu jiżgura li l-ħtiġiet tal-paragrafi (5) sa (8) tar-regolament 33 ta' dawn ir-regolamenti jiġu osservati għal kollox;

(b) il-kopji taċ-*checklists* tat-terminal/faċilità kif provdut fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament għandhom jinżammu mill-operatur għal mill-anqas 12-il xahar u għandhom jinżammu disponibbli fil-pront għall-ispezzjoni tad-Direttur kif ikun meħtieġ;

(ċ) qatt ma għandhom jintużaw *ship/shore bonding cables*;

(d) il-mod tat-tħaddim tal-manek u apparat ieħor, inkluż *jetty pipelines* fejn applikabbli, għax-xogħol imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament u ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa għalihom, għandhom ikunu strettament skond il-ħtiġiet tar-regolament 35 ta' dawn ir-regolamenti;

(e) ta' mill-anqas kull sitt xhur, il-linji flessibbli ta' taħt il-baħar użati għax-xogħol imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu assoġġettati għal spezzjoni taħt il-baħar, waqt li jinżammu taħt il-pressjoni massima li għaliha dawn il-linji jkunu ċċertifikati;

(f) ta' mill-anqas darba kull tnax-il xahar, il-*jetty pipelines* u linji riġidi ta' taħt il-baħar kollha użati għax-xogħol imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu eżaminati waqt li jinżammu taħt il-pressjoni massima li għaliha dawn il-linji jkunu ċċertifikati;

(ġ) l-ispezzjonijiet speċifikati fil-paragrafi (e) u (f) ta' dan ir-regolament għandhom isiru biss minn kuntratturi indipendenti rikonoxxuti mid-Direttur u ċertifikat li jikkonferma u li jiddikjara r-riżultati ta' kull test bħal dak għandu jinkiseb mill-operatur;

(ħ) qabel kull biċċa xogħol imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi ttestjat kull arranġament għall-protezzjoni kontra s-*surge* u *over-pressure* u kull mezz kemm għall-*product lines* ta' taħt il-baħar kif ukoll tal-wiċċ li jkun se jintuża;

(i) matul kull biċċa xogħol imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, il-ħtiġiet kollha tas-subparagrafi (a) sa (k) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65 ikunu applikabbli għall-operaturi ta' terminals marittimi/faċilitajiet marittimi u għandhom jiġu osservati strettament minn dawk l-operaturi;

(j) qabel jinbeda l-maniġġ ta' tagħbijiet likwidi in massa, l-operaturi ta' terminals marittimi/faċilitajiet marittimi għandhom jiżguraw illi d-*drain holes* u d-*drain pipes* kollha kif ukoll id-*drains* l-oħra kollha ta' kull xorta fuq il-*jetties*, mollijiet jew xtut, fejn jistgħu jgħaddu minnhom tagħbijiet likwidi in massa f'każ ta' aċċident, ikunu magħluqa b'mod effettiv u li jibqgħu hekk magħluqa għall-prevenzjoni ta' dik il-possibbiltà;

(k) matul kull biċċa xogħol imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, il-persunal ta' l-operatur, flimkien mal-persunal tal-bastiment, għandu, f'intervalli, jispezzjona ċ-ċimi u l-arranġamenti ta' l-irmiġġ sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu *tended* tajjeb u bla periklu u hekk miżmuma mill-bastiment;

(l) b'żieda għas-sistema primarja ta' komunikazzjoni użata bejn it-terminal marittimu/faċilità marittima u l-bastiment, matul kull biċċa xogħol speċifikata fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, għandha tiġi provduta wkoll minn dak l-operatur għal użu immedjat sistema ta' 'komunikazzjoni sekondarja' adegwata f'każ li tfalli s-sistema normali ta' komunikazzjoni. Tali sistema tista' tkun tikkonsisti f'*portable V.H.F.* intrinsikament bla periklu b'*channel* dedikat provdut lill-bastiment mill-operatur, jew xi mezz ieħor aċċettabbli għad-Direttur.

Ħtiġiet dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' tniġġis.

77. Operatur għandu, fl-intervalli speċifikati fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 1 ta' dawn ir-regolamenti, jesegwixxi u jsostni l-ħtiġiet li ġejjin ta' amministrazzjoni, taħriġ u proċedura:

(a) dawk l-operaturi jkunu suġġetti għall-ħtiġiet tas-subparagrafi (l) sa (u) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) operatur għandu jikkompila u jesebixxi permanentement f'għeluq protett mit-temp minnufih ġewwa d-dħul u l-ħruġ tat-terminal/faċilità, deskrizzjonijiet u pjanti ċari dettaljati tal-lok preċiż fejn ikun maħżun it-tagħmir kollu għall-kontroll ta' tniġġis disponibbli f'dawk il-postijiet, inkluż it-tagħmir imqiegħed f'kull ankraġġ, irmiġġ jew *jetty*. F'każ li l-lok fejn ikun maħżun it-tagħmir jinżamm magħluq, l-aċċess għaċ-ċwievet jew

mezzi oħra ta' dħul f'dawk il-postijiet għandu jkun dettaljat u l-mezzi ta' aċċess immedjat għandhom ikunu disponibbli fil-pront;

(ċ) id-deskrizzjonijiet/pjanti speċifikati fil-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament għandhom jiġi pprovduti lid-Direttur kif ukoll lil kull organizzazzjoni li tipprovdi servizzi esterni li tista' potenzjalment tkun qed tassisti f'inċident ta' kontroll ta' tiġis f'terminal/faċilità.

Ħtiġiet ta' emerġenza dwar is-sigurezza u ħruq.

78. Operatur għandu, fl-intervalli speċifikati f'dan ir-regolament, jesegwixxi u jsostni l-ħtiġiet li ġejjin ta' provdiment ta' riżorsi, amministrazzjoni, taħriġ u proċedura:

(1) kwantitajiet adegwati ta' ilma kemm għat-tifi ta' nirien kif ukoll għat-tberrid ta' l-inħawi ta' madwar/adjaċenti u l-mezzi effettivi ta' l-applikazzjoni tiegħu għandhom ikunu disponibbli għal użu immedjat kemm ġewwa terminal marittimu jew faċilità marittima kif ukoll fl-irmiġġi jew *jetties*;

(2) kwantitajiet u tipi adegwati ta' *foam* għat-tifi ta' nirien approvat mid-Direttur u l-mezzi effettivi għall-applikazzjoni tiegħu għandhom ikunu disponibbli għal użu immedjat kemm ġewwa terminal marittimu/faċilità marittima kif ukoll fl-irmiġġi jew *jetties*;

(3) fejn xieraq, kwantitajiet u tipi adegwati ta' *Dry Powder* għat-tifi ta' nirien (*Potassium-based Dry Powder* preferut għal terminals li jimmaniġġaw gass *LPG/LNG*) u mezzi adatti oħra approvati għat-tifi ta' nirien u l-mezzi effettivi ta' l-applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu disponibbli għal użu immedjat kemm ġewwa terminal marittimu/faċilità marittima kif ukoll fl-irmiġġi jew *jetties*;

(4) kull tagħmir għat-tifi ta' nirien, ta' emerġenza u ta' sigurezza u l-anċillarji għat-tħaddim tiegħu, inklużi pompi, kumpressuri u ġeneraturi, għandu jiġi ttestjat f'intervalli regolari ta' mhux iżjed minn xahar;

(5) meta t-terminal/faċilità jkunu attivi, l-operatur għandu jiżgura li jkun hemm preżenti numru adegwat ta' persunal li jkun ġie mħarreġ għal kollox fil-prevenzjoni u l-kumbattiment b'mod effettiv tax-xorta ta' nirien u riskji oħra possibbli fix-xogħol tagħhom;

(6) il-persunal imsemmi fil-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament għandu wkoll jieħu *refresher courses* fl-intervalli rakkomandati mill-organizzazzjonijiet ta' taħriġ rikonoxxuti;

(7) operatur għandu josserva l-ħtiġiet kollha li jinsabu fis-subparagrafu (o) tal-paragrafu (1) tar-regolament 65 ta' dawn ir-regolamenti għar-rigward ta' kull *degradeable media* għat-tifi ta' nirien;

(8) operatur għandu ta' mill-anqas darba fix-xahar imexxi *drills* ta' tifi ta' nirien, ta' sigurezza u ta' emerġenza, approvati mid-Direttur, waqt li juża r-riżorsi u l-persunal tiegħu stess;

(9) l-imsemmija *drills* għandhom jinkludu l-użu jew ittestjar attwali ta' kull tagħmir u sistema kemm mill-persunal speċifikatt kif ukoll minn dak alternat, f'kondizzjonijiet li kemm jista' jkun ikunu jixbħu 'kondizzjonijiet ta' emerġenza';

(10) tul l-imsemmija *drills* għandu jinżamm *communications log*, bil-kitba jew *tape-recorded*, għar-reġistrazzjoni ta' kull komunikazzjoni;

(11) operatur għandu jidentifika, ġewwa t-terminal/faċilità tiegħu, 'ċentru ta' kontroll', flimkien ma' alternat, minfejn isir il-kontroll fuq kollox u l-ko-ordinament tax-xogħol kollu ta' tifi ta' nirien/emerġenza/sigurezza;

(12) waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew *drills*, l-imsemmi 'ċentru ta' kontroll' għandu jkun fornut b'numru adegwat ta' persunal imħarreġ kif imiss li jkun jaf għal kollox it-tħaddim ta' kull pjan ta' kontinġenza, ta' kull tagħmir u ta' kull sistema tax-xogħol u ta' emerġenza, inklużi riżorsi ta' *back-up* u riżorsi alternati;

(13) il-persunal ta' l-imsemmi 'ċentru ta' kontroll' għandu jkun provdut b'sistemi ta' komunikazzjoni primarji u sekondarji effiċjenti u effettivi (jekk dawn ikunu *VHF* jew simili, għandu jkollhom *channels* 'privati' dedikati) għall-kollegament ma' u l-kontroll ta' l-isforzi kollha fit-terminal/faċilità, abbord bastimenti fl-ankraġġi, irmiġġi jew *jetties* tat-terminal/faċilità, f'dawk il-postijiet adjaċenti oħra u mar-riżorsi esterni ta' emerġenza;

(14) fejn sistemi interni tat-telefon f'terminal/faċilità jintużaw għall-iskopijiet taċ-'ċentru ta' kontroll', il-komunikazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jinqabżu mill-persuna li jkollha l-inkarigu fuq kollox tax-xogħol ta' emerġenza;

(15) fil-każ ta' terminal kbir/faċilità kbira, jew fejn l-ankraġġi, irmiġġi jew *jetties* ikunu xi distanza 'l bogħod mit-terminal jew faċilità, l-operatur għandu jistabbilixxi wkoll '*forward*

control' unit ta' emerġenza li jkollu l-inkarigu lokali tax-xogħol fuq il-post ta' l-inċident, f'kollegament sħiħ maċ-'ċentru ta' kontroll';

(16) il-'*forward control' unit* għandu jkun jikkonsisti f'numru adegwat ta' persunal imħarreġ kif imiss li jkun jaf għal kollox it-tħaddim ta' kull pjan ta' kontinġenza, ta' kull tagħmir u sistema tax-xogħol u ta' emerġenza, inklużi riżorsi ta' '*back-up*' u riżorsi alternati;

(17) il-persunal tal-'*forward control' unit* għandu jkun provdut b'tipi u kwantitajiet adegwati ta' riżorsi effiċjenti u effettivi għat-trattament ta' kull konsegwenza potenzjali tax-xogħol ta' l-akbar riskju għall-ambjent li jkun jista' jsir f'dawk il-postijiet u għandu jkun provdut ukoll b'sistemi ta' komunikazzjoni primarji u sekondarji li jkunu kompatibbli għal kollox ma' dawk taċ-'ċentru ta' kontroll';

(18) l-operaturi għandhom jassenjaw '*call-signs*' lill-*units* differenti ta' l-iskwadri ta' emerġenza u dawk il-'*call-signs*' għandhom jintużaw f'kull komunikazzjoni għal azzjoni f'emerġenza u waqt *drills*;

(19) b'żieda għad-*drills* imsemmija fil-paragrafu (8) ta' dan ir-regolament, dawk l-operaturi kollha għandhom jieħdu sehem sħiħ f'kull eżerċizzju ta' azzjoni f'każ ta' tinġis li jista' jiġi organizzat mid-Direttur minn żmien għal żmien flimkien ma' aġenziji u servizzi oħra kkonċernati;

(20) l-operatur għandu jikkompila pjanijiet ta' kontinġenza adegwati u effettivi ta' sigurezza, emerġenza u tifi ta' nirien, li jkunu jkopru l-inċidenti l-aktar riskjużi li jistgħu jiġru fit-terminal marittimu jew faċilità marittima jew fl-ankraġġi, irmiġġi u *jetties* tat-terminal jew faċilità;

(21) fil-pjanijiet deskritti fil-paragrafu (20) ta' dan ir-regolament għandu jittieħed qies kemm tar-riżorsi ta' l-operatur kif ukoll ta' dawk ta' l-Aġenziji u s-servizzi ta' emerġenza lokali relatati;

(22) operatur għandu jipprovdi tagħmir ta' sigurezza, bħal kwantitajiet u tipi adegwati ta' ilbies protettiv għall-persunal tat-tifi ta' nirien, *diffuser nozzles* għall-bexx ta' l-ilma sabiex il-persunal ikun provdut b'barrieri protettivi ta' l-ilma, apparat *self-contained* ta' respirazzjoni u *stretchers* u l-użu tagħhom għandu jkun inkluż fid-*drills* u l-eżerċizzji kollha;

(23) operatur għandu josserva l-ħtiġiet kollha tas-subparagrafi (1) sa (o) ta' paragrafu 1 tar-regolament 65 ta' dawn ir-regolamenti għar-rigward ta' kull tagħmir tat-tifi ta' nirien, ta' sigurezza u ta' emerġenza;

(24) operatur għandu jiżgura li għall-anqas darba kull tnax-il xahar il-*portable fire extinguishers* kollha li jintużaw kull fejn ikun fl-installazzjonijiet tiegħu jiġu jew eżaminati jew ittestjati sabiex tiġi stabbilita l-effikaċja kontinwa tagħhom minn organizzazzjoni rikonoxxuta mid-Direttur. L-organizzazzjoni li tittestja għandha tivverifika dan billi timmarka kull *extinguisher* bħal dak b'mod ċar u indelibbli;

(25) operatur għandu jagħmel arranġamenti għar-riskju u spejjeż tiegħu stess, ma' kumpannija ta' vapuri ta' rmonk rikonoxxuta mid-Direttur, għall-provdiment ta' servizz '*on-call*' li permezz tiegħu bastiment marbut fit-terminal/faċilità tiegħu ikun jista' jiġi rmonkat malajr minn dak il-post waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jiġru jew f'dak it-terminal/faċilità jew abbord il-bastiment;

(26) operatur għandu jagħmel arranġamenti għar-riskju u spejjeż tiegħu, ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mid-Direttur, għall-provdiment ta' servizz '*on call*' li permezz tiegħu tiġi provduta malajr għajnuna għat-tifi ta' nirien ma' xatt il-baħar (inkluż it-tberrid ta' l-inħawi ta' madwar) lill-bastimenti li jkunu fl-ankraġġi, irmiġġi jew *jetties* tiegħu;

(27) operatur għandu jipprovdi lid-Direttur dettalji sħaħ ta' kull arranġament imsemmi fil-paragrafi (25) u (26) ta' dan ir-regolament u dawk l-arranġamenti għandhom jibqgħu effettivi l-ħin kollu;

(28) operatur għandu josserva l-ħtiġiet kollha li jinsabu fir-regolament 77 ta' dawn ir-regolamenti, għar-rigward ta' kull tagħmir u sistema ta' tifi ta' nirien, ta' sigurezza u ta' emerġenza;

(29) operatur għandu jikkompila u jesibixxi f'post prominenti u permanentement f'għeluq protett mit-temp minnufih ġewwa d-dħul u l-ħruġ tat-terminal/faċilità, deskrizzjonijiet u pjanti ċari dettaljati ta' kull mezz ta' ħruġ ta' emerġenza, għall-użu tal-persunal ta' l-organizzazzjonijiet li jkunu qed jassistu f'inċident;

(30) jekk f'każ ta' emerġenza l-uniku mezz ta' ħrib mill-periklu għall-membri ta' l-ekwipaġġ abbord bastiment ikun minn ġot-terminal/faċilità, kull deskrizzjoni u pjanta, imsemmija fil-

paragrafu (29) ta' dan ir-regolament, għandha tiġi wkoll esibita bl-istess mod fl-irmiġġi jew *jetties*;

(31) id-deskrizzjonijiet u l-pjanti dettaljati fil-paragrafu (29) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu promulgati lill-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 77 ta' dawn ir-regolamenti;

(32) operatur għandu jara li jiġu mqiegħda fejn ikunu jidhru sewwa u permanentement indikaturi retro-riflettivi jew luminużi f'punti saljenti ġewwa t-terminal/faċilità, sabiex jindikaw id-direzzjoni l-aktar sempliċi u bla periklu ta' ħruġ waqt sitwazzjoni ta' emerġenza;

(33) f'terminal/faċilità fejn il-bastimenti jkunu marbuta fuq *long breakwater berths* jew *finger berths*, operatur għandu jipprovdi mezzi permanenti u faċilment aċċessibbli ta' qsim trasversali għal area ta' bla periklu maqtugħa minn dawk l-irmiġġi (e.g. slielem fissi li jagħtu aċċess għan-naħa l-oħra tal-ħajt protettiv ta' irmiġġ);

(34) operatur għandu jiżgura illi kull vettura pparkjata ġewwa t-terminal/faċilità jew fuq l-irmiġġi u *jetties* tat-terminal/faċilità ma titħalliex bil-bibien tagħha msakkra u li ċ-ċwievet ta' l-*ignition* jitħallew f'posthom jekk il-vettura tkun f'area li tista' tfixkel id-dħul jew ħruġ f'sitwazzjoni ta' emerġenza;

(35) f'terminals ta' gas likwidu, l-operatur għandu jiżgura li jkun hemm iffittjati b'mod effiċjenti *spark arresters* ma' l-*exhausts* tal-vetturi kollha qabel dawn jidħlu fl-arei ta' magazzinaġġ jew maniġġ tat-terminal u għandhom jibqgħu hekk iffittjati sa meta l-vetturi jitilqu;

(36) operatur għandu jikkompila u jara li jiġu esibiti permanentement f'għeluq protett mit-temp u li jkunu jidhru ċar mil-lok tal-mekkaniżmu ta' l-istartjar u kontroll ta' kull tagħmir tat-tifi ta' nirien (inklużi *fire-pumps*, sistemi fissi ta' *foam* u mezzi oħra għat-tifi ta' nirien u ġeneraturi elettriċi ta' emerġenza) struzzjonijiet u illustrazzjonijiet ċari u dettaljati tal-mezzi tat-tħaddim ta' l-istess;

(37) operatur għandu jiżgura li kull tagħmir u makkinarju li jintuża, jew li jista' jintuża f'xi area ta' periklu abbord bastiment li jkun qed juża l-ankraġġ, irmiġġ jew *jetty* tat-terminal, jew ġewwa xi żona ta' riskju fuq l-art, ikun iċċertifikat bħala intrinsikament bla periklu għax-xogħol li jkun jista' jsir f'dawk il-postijiet;

(38) operatur għandu wkoll jiżgura li t-tagħmir imsemmi fil-paragrafu (37) ta' dan ir-regolament jibqa' intrinsikament bla periklu u li kull tagħmir li jkun sar difettuż jew jiġi mibdul jew jiġi ċċertifikat mill-ġdid mill-manifattur jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta mid-Direttur.

Pieni.

79. Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 76 sa 78 ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tehel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira għal kull reat.

Records tat-tagħmir u tal-persunal.

80. Operatur għandu jżomm *records* ta' kull skjerament u provdiment ta' tagħmir u persunal kif meħtieġ b'dawn ir-regolamenti u dawn ir-*records* għandhom jinżammu disponibbli fil-pront għall-ispezzjoni tad-Direttur.

Ċertifikati, pjanijiet u *records*.

81. Operatur għandu jiżgura li kull ħtieġa ta' dawn ir-regolamenti rigward kull ċertifikat, pjan u *record* tiġi eżegwita b'mod effettiv u tinżamm disponibbli fil-pront għall-ispezzjoni tad-Direttur.

TAQSIMA V

Liċenzi

Liċenzi tal-*bunkering*.

82. Ebda persuna ma tista' taġixxi bħala Operatur tal-*Bunkering* kemm-il darba ma jkollhiex liċenza valida maħruġa mid-Direttur għal dak il-għan.

Eliġibilità għal liċenza.

83. Applikant ma jkunx eliġibbli għal liċenza, ħlief jekk ikun:

(a) ċittadin ta' Malta u li fl-opinjoni tad-Direttur ikun ta' karattru tajjeb, ikun jaf tajjeb ir-regolamenti rilevanti dwar l-attivitajiet ta' *bunkering* u jkun meqjus bħala kompetenti biex jipprovdi dak is-servizz jew faċilità; jew

(b) korp ġuridiku stabbilit taħt u suġġett għal-liġijiet ta' Malta, li jkollu post ta' negozju f'Malta u li jissodisfa lid-Direttur li jkun jista' u fil-fatt jiżgura l-osservanza dovuta tal-liġijiet u r-regolamenti kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-*bunkering*.

Applikazzjoni għal liċenza.

84. Liċenza msemmija f'din it-taqsima tar-regolamenti tista' tingħata wara li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni fuq il-formola xierqa lid-Direttur, li magħha jkun hemm id-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni preskritta f'dik il-formola.

Kondizzjonijiet.

85. Id-Direttur jista' fiż-żmien tal-ħruġ tal-liċenza, jew f'kull żmien ieħor, jgħaqqad mal-liċenza kwalunkwe kondizzjoni jew kondizzjonijiet li huwa jqis li jkunu xierqa.

Abrogazzjoni ta' liċenza.

86. F'kull żmien id-Direttur jista', mingħajr ma jagħti xi raġuni għal ħekk, jissospendi, jħassar, jirrevoka jew jirrifjuta t-tiġdid ta' kwalunkwe liċenza li qabel tkun ingħatat jew ġiet imġedda taħt dawn ir-regolamenti.

Konsenja tal-liċenza.

87. Il-persuni jew korpi ġuridiċi kollha li l-liċenza tagħhom taħt dawn ir-regolamenti tkun ġiet sospiża, imħassra jew revokata mid-Direttur għandhom, fi żmien 48 siegħa minn dik is-sospensjoni, tħassir, jew revoka, jikkonsenjaw il-liċenza tagħhom lid-Direttur.

Osservanza ta' l-istruzzjonijiet tad-Direttur.

88. Id-detentur ta' liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandu josserva kull struzzjoni, ordni jew direttiva mogħtija mid-Direttur minn żmien għal żmien.

Esibizzjoni tal-liċenza.

89. Il-persuni jew korpi ġuridiċi kollha li jkollhom liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandhom iġorru jew jesibixxu dik il-liċenza meta jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità li għaliha jkunu liċenzjati u għandhom jipproduċu dik il-liċenza meta jiġu mitluba biex jagħmlu dan fuq talba ta' uffiċjal awtorizzat mid-Direttur.

Drittijiet.

